**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kumpilazzjoni Nru: 511/17**

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Robert Attila Majlat**

(K.I. 199275LA)

**u**

**Robert Attilane Majlat**

(K.I. 257057LA)

**Illum, 19 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront tal-ko-imputati **Robert Attila Majlat**, imwieled ġewwa Miskolci, l-Ungerija, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 1978 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar u detentur tal-

[1] Dawn l-imputazzjonijiet ġew emendati u konfermati bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni matul l-udjenza tas-27 ta' Novembru 2017 (ara a fol. 24 *et seq* tal-proċess).

karta tal-identita` Ungeriża bin-numru 199275LA, kif ukoll fil-konfront ta' **Robert Attilane Majlat nee` Csorba Inez Aniko**, imwielda ġewwa Miskolci, l-Ungerija, nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju 1983 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, u detentriċi tal-karta tal-identita` Ungeriża bin-numru 257057LA;

**Akkużati** talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:

1. Bi vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta'persuna, b'qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita`, influwenza jew pressjoni, u billi taw jew irċivew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna oħra, ittraffikaw persuni ta' eta` u ċioe` lil **AB** u **CD** bil-għan li dawn il-persuni jiġu sfruttati fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi u kif ukoll għall-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 248A, 248B u 248D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajjru b'qerq persuni ta' eta`, u ċioe` lil **AB** u **CD**, għall-prostituzzjoni, liema delitt sar bħala drawwa u bi ħsieb ta' qliegħ;

3. U aktar talli xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' xi persuni oħra;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi, żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma’ oħrajn fl-eżerċizzju ta’ burdell jew ta’ dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi, kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta’ laqgħa għal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil **AB** u **CD** l-biża’ li ser tintuża l-vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) ta’ Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi lil **Robert Attila Majlat waħdu** b’diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi akkużat ukoll talli bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ AB;

8. U akkużati wkoll talli fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanzi f’dawn il-Gżejjer irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li ġew misjuba ħatja b’diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

(i) f'kaz ta' ħtija, u b'żieda mal-piena stabbilita mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

(ii) fil-mori tal-kawża, toħroġ Ordni ta' Imblukkar tal-Proprjeta` tal-akkużati ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) f'kaz ta' ħtija, u b'żieda mal-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il każ, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' **AB** u **CD** u tal-membri familjari tagħhom ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat illi l-Maġistrat sedenti ġiet assenjata l-kawża odjerna permezz ta' assenjazzjoni mill-Prim'Imħallef Dr. Mark Chetcuti ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, imwaħħla nhar id-9 ta' Settembru 2020 fir-Reġistru tal-Qrati u Ġurisdizzjoni Kriminali mir-Reġistratur tal-istess Qrati, skont l-imsemmi Artikolu 11 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Gunju 2018[3] li permezz tagħha u ai termini ta' l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bagħat lill-imputati **Robert Attila Majlat** u **Robert Attilane Majlat**

[2] Ara a fol. 764 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 357 tal-proċess.

sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dan kif kif maħsub fis-segwenti artikoli tal-liġi:

**Fir-rigward ta' Robert Attila Majlat waħdu:**

a. fl-artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, 248E(1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 205(a)(b), 251B, 222(1)(a), 202(h)(*v*) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 7(1)(3), 8(1)(3), 9, 10 u 18 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Fir-rigward ta' Robert Attilane Majlat:**

a. fl-artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, 248E(1) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 205(a)(b), 251B, 222(1)(a), 202(h)(v) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 7(1)(3), 8(1)(3), 9, 10 u 18 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tas-27 ta' Novembru 2017, sar l-eżami tal-ko-imputati ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, li fih huma wieġbu li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tagħhom[4];

---

[4] Ara a fol. 30 u 31 tal-proċess.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2018, inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tat-18 ta' Ġunju 2018, f'liema udjenza l-ko-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita[5];

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Settembru 2020, li permezz tagħha ħassret u annullat is-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta tat-22 ta' Novembru 2019 u dan filwaqt li ħassret u rrevokat ukoll id-digriet ta' l-istess Qorti tat-28 ta' Ġunju 2019 u konsegwentement u għar-raġunijiet hemm imsemmija ordnat li jitkompla l-kontro-eżami ta' AB u li jsir il-kontro-eżami ta' CD u li wara li dan isir, din il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid[6];

Rat illi għamlet dak mitlub minnha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija u dan billi kompliet tisma' l-kontro-eżami ta' AB u semgħet il-kontro-eżami ta' CD;

Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet ippreżentati minnhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u semgħet it-trattazzjoni finali tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-ko-imputati, **il-Prosekuzzjoni** ressqet is-segwenti xhieda u provi:

[5] Ara a fol. 366 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 700 sa 730 tal-proċess.

**<u>Xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija nvoluti fil-każ</u>**

1. **L-Ispettur Joseph Busuttil** xehed illi f'Novembru tas-sena 2017, il-pulizija kienet rċeviet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Ingliżi dwar Robert Attila Majlat u martu Robert Attilane Majlat, xebba Anico, u dan fis-sens illi magħhom kellhom tifla minuri, EF, bint Robert Attilane Majlat ta' erbatax-il sena, u li dawn setgħu kienu nvoluti f'attivitajiet ta' prostituzzjoni. Huwa jgħid illi l-pulizija għalhekk bdiet l-investigazzjonijiet tagħha u ġie stabbilit illi l-minuri kienet tattendi ġewwa l-Kulleġġ ta' Marija Reġina. Intbagħtu xi pulizija sabiex isegwuha u b'hekk saru jafu l-indirizz tar-residenza tagħha. Saru diversi osservazzjonijiet fuq din ir-residenza, mil-liema nħoloq suspett illi x'aktarx kienet għaddejja attivita` ta' prostituzzjoni. Fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, nhar l-14 ta' Novembru 2017, saret tfittxija fl-istess appartament li fih instabu l-ko-imputati, EF, AB u t-tarbija tagħha u CD. Skont ix-xhud, appartament wieħed kien jintuża għal skopijiet ta' residenza, fil-waqt li kien hemm appartament ieħor li kien jintuża għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Huwa jkompli jispjega illi l-pulizija kienet ukoll skopriet sit elettroniku, bil-lingwa Ingliża, b'ritratti provokanti u sesswali ta' AB u CD, li permezz tagħhom dawn kienu qegħdin joffru *massages* u servizzi oħrajn sesswali, u fuq liema sit kien muri numru tat-telefon, li Robert Attilane Majlat kienet forniet lill-iskola tal-minuri Vannessa EF. Jispejga wkoll illi mill-investigazzjonijiet irriżulta illi peress illi AB u CD ma kellhomx għarfien tal-lingwa Ingliża, kienet Robert Attilane Majlat li kienet tieħu ħsieb tikkomunika mal-klijenti u tiftiehem magħhom il-prezz, il-ħin u l-post, u li kienet sussegwentement tagħti struzzjonijiet lil AB jew lil CD dwar fejn kellhom imorru, kemm kellhom idumu mall-klijent u kemm kellhom jiġbru flus, liema flus imbagħad, huma

kienu jgħadduhom lill-imputat Robert Attila Majlat li, in kontro-kambju, kien jipprovdilhom post fejn jgħixu, ikel u l-bżonnijiet ta' kuljum. L-Ispettur Busuttil xehed illi AB u CD kienu għall-bidu beżgħu jitkellmu mal-pulizija, iżda mal-ħin ikkoperaw magħhom. Xehed ukoll illi AB kienet żiedet tgħid illi kemm il-darba hija kienet ġiet abbużata sesswalment mill-imputat, li kien hemm xi perijodu li fih kienet tiġġieled ma' martu l-ko-imputata stante li din kienet indunat b'dan u li ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel. Qalet ukoll illi l-ko-imputat kien xtraha ġewwa l-Ungerija meta kellha dsatax-il sena, illi kien iġorrha miegħu u jħaddimha f'kull pajjiż li jmur. Da parti tagħhom, il-ko-imputati ċaħdu li huma kienu nvoluti f'dan kollu.

In **kontro-eżami** ix-xhud ikkonferma illi huma kellhom tagħrif dwar persuni oħrajn li kienu qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol, iżda dawn kienu diġa` telqu minn Malta saż-żmien li fih saru l-investigazzjonijiet odjerni, bir-riżultat li baqgħu ma ġewx mitkellma. Jgħid ukoll illi jekk ma kienx sejjer żball, matul l-investigazzjoni, kienu għamlu xi verifiki dwar l-impjieg tal-ko-imputata u sabu li kienet għamlet xi perijodu taħdem ġewwa lukanda bħala *cleaner*. Jgħid ukoll illi kien hemm żewġ appartamenti; wieħed li fih kien jgħix kulħadd u ieħor li minnu kien isir ix-xogħol ta' prostituzzjoni. Jgħid dwar dan it-tieni appartament, illi dan kien appartament b'żewġt ikmamar tas-sodda, kċina u kamra tal-banju u li ma kienx abbandunat. Jgħid ukoll illi AB kienet tivvjaġġa ma' l-imputati meta dawn jivjaġġaw, fil-waqt illi CD ġieli kienet tiċċaqlaq magħhom u ġieli tiltaqa' magħhom wara. Jgħid in oltre illi l-pulizija setgħet tistabbilixxi fejn kienu qegħdin jirrisjedu AB u CD, skont hu fl-istess appartament li fih kienu jgħixu l-imputati, mill-osservazzjonijiet li kienu għamlu.[7]

[7] Ara x-xhieda in eżami a fol. 259 sa 262 tal-proċess u x-xhieda tal-istess Spettur in kontro-eżami a fol. 383 sa 389 tal-proċess.

2. **L-Ispettur John Spiteri** ippreżenta dokument konsistenti f'dikjarazzjoni ta' rifjut tal-assistenza legali tal-imputat Robert Attila Majlat qabel l-interrogatorju tiegħu.[8] L-istess Spettur xehed illi għall-ħabta tal-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2017, huwa kien irċieva informazzjoni mingħand il-pulizija Ingliża fis-sens illi huma kellhom suspett illi EF setgħet kienet ġiet traffikata għal fini ta' prostituzzjoni ġewwa Malta. Skont din l-informazzjoni, il-ko-imputati kienu nvoluti f'ċirku ta' traffikar ta' persuni, kif ukoll ta' prostituzzjoni, u dan ġewwa l-Ungerija, ġewwa l-Ingilterra u anke l-Olanda. Ukoll skont din l-informazzjoni, ħut l-imputat u anke ommu, kienu lkoll b'xi mod ġew investigati in konnessjoni ma' reati ta' prostituzzjoni, żamma ta' briedel, kif ukoll traffikar ta' persuni. Għal fini tal-investigazzjoni dwar dan il-każ, ix-xhud tkellem mal-Kap tal-iskola magħrufa bħala taż-Żoqrija, ġewwa l-Mosta fejn kienet tattendi EF, li da parti tiegħu nfurmah li l-minuri, għalkemm kienet tifla kwieta, kienet tfalli wisq. Kienet intalbet ukoll informazzjoni lill-kumpaniji finanzjarji, fosthom *Western Union* u *FexServ* u anke kumpaniji oħrajn, mil-liema kien irriżulta illi kien hemm diversi ammonti ta' flus li kienu qed jiġu skambjati b'mod kwotidjan u dan lejn jew minn persuni li kunjomhom kien Majlat, lejn Malta mill-Ungerija u viċe versa, lejn Malta mill-Ingilterra u viċe versa, lejn Malta mill-Olanda u viċe versa u lejn Malta mill-Kanada u viċe versa. Skont ix-xhud, kienet intalbet informazzjoni wkoll mis-*service providers* u dan in kwantu jirrigwarda *mobile phones*. Irriżulta mill-investigazzjoni illi CD u AB kienu jirrisjedu mal-ko-imputati u li setgħu kienu nvoluti fil-prostituzzjoni. Mill-indaġni fuq siti elettroniċi inkluż *escortmalta.com* u oħra bl-isem ta' *Backpage*, liema siti kienu qegħdin jirreklamaw servizzi sesswali da parti tal-imsemmija CD u AB, irriżulta

[8] Dan jinsab esebit a fol. 271 tal-proċess, kif ukoll a fol. 12 tal-proċess. Ix-xhieda tal-Ispettur John Spiteri tinsab a fol. 269 u 270 tal-proċess.

wkoll illi ma' isimhom, kien hemm abbinati numri tat-telefon ossia 79265108, 79341319 u 99561181, fost oħrajn. Fuq skorta ta' din l-informazzjoni, u wara li nkiseb mandat ta' tfittxija u arrest, nhar l-14 ta' Novembru 2017, ġew arrestati l-ko-imputati, kif ukoll CD u AB minn ġewwa residenza fl-akkwati tal-Qawra, San Pawl il-Baħar. Minn din ir-residenza kienu ġew elevati diversi *mobile phones*, li nstabu ġewwa l-kamra tas-sodda tal-ko-imputati. Skont ix-xhud, dawn il-*mobile phones* kienu qed jużaw in-numri li huwa semma fix-xhieda tiegħu. Irriżulta wkoll mill-investigazzjoni li kien hemm residenza oħra, li kienet qegħda titħallas mill-ko-imputata. Minn tfittxija li saret f'din ir-residenza, fil-presenza ta' CD, instabu diversi oġġetti relatati mas-sess u mal-prostituzzjoni. Ix-xhud imbagħad jirreferi għal dak li stqarrew l-imputat waqt l-interrogatorji tagħhom u dan fis-sens illi huma ma kienu bl-ebda mod involuti f'dak li kien qed jiġri in konnessjoni mal-prostituzzjoni. Sussegwentement, meta ġew mitkellma CD u AB, ġie nnutat illi l-Ingliż tagħhom kien limitat ħafna u li kull ma kienu jafu kien kliem bażiku. Skont ix-xhud kien hawn li tqanqallu suspett dwar kif kienu dawn in-nisa kienu jikkomunikaw mal-klijenti tagħhom u wara mistoqsijiet lil CD u lil AB, dawn ammettew illi l-imputat kien iħaddimhom bħala prostituti. Skont AB, hija rari kienet tingħata flus kontanti, iżda din kienet tgħix mal-ko-imputati u għalhekk dan kien il-ħlas ta' xogħolha. Skont CD u AB, il-ko-imputata kienet konsapevoli minn dan kollu u kienet proprju hi li kienet tikkomunika mal-klijenti, u tieħu ħsieb li tirranġa l-appuntamenti biex dawn jiltaqgħu ma' AB u ma' CD. Meta huma kienu jirritornaw mill-appartament fejn kienet issir l-attivita` sesswali u jmorru fl-appartament fejn kienu jgħixu l-ko-imputati, huma kienu jagħtu l-flus kollha lill-imputat, imbagħad huwa kien jieħu ħsieb li jqassam il-flus skont l-esiġenzi li jkollhom. It-tnejn spjegaw kif huma ilhom jgħixu ma' din il-familja għal diversi snin u li dejjem kienu jagħmlu dan ix-xogħol. CD qalet ukoll illi hija tiġi oħt l-imputata. Din tal-

aħħar qalet in oltre illi l-imputat kien vjolenti fil-konfront tagħha u kien taha xi daqqiet ta' ħarta. Jgħid in oltre illi mir-ritratti li kienu nstabu, kien jidher ċar li AB u CD kienu proprju l-persuni li kienu jidhru fuq is-siti elettroniċi.[9]

3. **PC 101 Ruznai Gaffarena** xehed illi fil-11 ta' Novembru 2017 kien ingħata struzzjonijiet sabiex jissorveljaw lil ċertu EF ġewwa l-fond 37, Triq Efesu, Buġibba. L-istess EF ma dehritx ħierġa mill-imsemmi fond 37, Triq Efesu, Buġibba, iżda minflok huma setgħu josservaw dieħla u ħierġa diversi drabi tfajla li kienet liebsa *track suit* roża u li kellha xagħarha isfar. Jgħid illi fl-14 ta' Novembru 2017, flimkien ma' uffiċjali oħra tal-Pulizija, kienu esegwew tfittxija fil-fond 37, Triq Efesu, Buġibba fejn sabu lill-imputati, lil EF, lil AB u li CD. Skont ix-xhud, huwa kien diġa` familjari ma' dawn l-aħħar żewġ tfajliet, kawża ta' l-investigazzjoni li ftit ta' żmien qabel kienet saret fir-rigward ta' sit elettroniku, *Backpage Malta*, li fuqu kienu reklamati servizzi sesswali da parti ta' l-istess persuni. Jgħid ukoll illi huma kienu ħadu *screenshots* ta' dawn il-*posts*, wieħed mil-liema kien ta' CD, fil-waqt li ieħor kien ta' AB. Ix-xhud esebixxa dawn l-istess *posts* u *screenshots* bħala Dok. RG1 u Dok. RG2.[10] Iżid jispjega illi sussegwentement, huma wettqu tfittxija f'appartament ieħor fi Triq San Ġilormu, San Pawl il-Baħar, fejn allegatament kienet toqgħod CD, u f'liema appartament instabu diversi oġġetti relatati ma' atti sesswali, bħal kontraċettivi u żjut, liema oġġetti ġew elevati.[11]

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 348 sa 353 tal-proċess.
[10] Dawn jinsabu esebita a fol. 275 sa 279 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 272 sa 274 tal-proċess.

4. **PC27 Alan Zahra** xehed dwar tfittxija li saret fil-fond 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar fl-14 ta' Novembru 2017, waqt liema tfittxija nstabet *credit card* fil-kamra tas-sodda ta' l-imputata.[12]

5. **WPC60 Grace Bianco** xehdet illi nhar il-11 ta' Novembru 2017, hija kienet ingħatat struzzjonijiet sabiex flimkien ma' PC 101, tissorvelja l-movimenti ta' EF u dan b'referenza għall-fond bl-indirizz 37, Triq Efesu, Buġibba. Tgħid illi lil EF ma kienux lemħuha, iżda mill-istess appartament lemħu lil persuna oħra li kienet daħlet u ħarġet diversi drabi. L-istess għamlu fl-14 ta' Novembru meta għal darb'oħra ma lemħux lil EF, iżda lemħu lill-istess tfajla dieħla u ħierġa mill-istess appartament. Iżżid tgħid illi dakinhar wara nofsinhar fuq skorta ta' mandat, kienu aċċedew fl-istess appartament fejn wettqu tfittxija. Hemmhekk kien hemm mara, raġel, tlett tfajliet u tarbija. Mill-kamra tas-sodda ta' l-istess appartament ġew elevati numru ta' *mobile phones* u xi karti. Iżżid tgħid illi dakinhar stess kienu wettqu tfittxija ulterjuri f'appartament ieħor fi Triq San Ġilormu, Buġibba, ġewwa l-appartament bin-numru 4, fil-presenza ta' CD, minn fejn ġew elevati affarijiet relatati ma' *massage parlours*, fosthom żjut u *tissues*.[13]

6. **WPC 330 Joanna Borg** xehdet illi nhar il-15 ta' Novembru 2017, għall-ħabta tal-10.30 a.m., flimkien ma' PC 27 u PC 145, għamlet tfittxija ġewwa l-fond 37, Caroline Flats, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, fejn fil-presenza tal-imputata saret tfittxija fil-kamra tas-sodda prinċipali u minn hemm ġiet elevata *credit card* minn fuq il-gwardarobba. Sussegwentement nhar is-17 ta' Novembru 2017, flimkien ma' WPC 308 u PC 27, hija marret ġewwa Dar Fejda, fejn kien hemm EF. Din tal-aħħar stqarret li ġewwa l-fond fi Triq Efesu, hija kienet tgħix ma' ommha, ma' missierha, ma' ħuha

[12] A fol. 280 u 281 tal-proċess.
[13] A fol. 282 sa 283 tal-proċess.

u l-mara tiegħu, li kienet ilha tgħix Malta minn meta kellha tlettax-il sena u li kienet tattendi l-iskola magħrufa bħala ż-Żoqrija Middle School. Qalet ukoll illi waqt li kienet l-Ingilterra (wara l-Kanada), hija ltaqgħet ma' AB u hemmhekk din bdiet tgħix u tivvjaġġa magħhom. Wara li ġiet Malta għall-ewwel darba, hija marret l-Olanda fejn iltaqgħet ma' CD li, skont hi, kienet tgħix waħedha, kienet tgħix fit-triq, kienu ħadulha t-tfal u kienet imdejqa u li din imbagħad bdiet tgħix magħhom u ġiet lura magħhom. Eventwalment reġgħet ġiet Malta. Skont hi, ommha kienet taħdem bħala ħassiela ġewwa Blue Sea Hotel, Buġibba u kienet tħallas il-kirja tal-fond fejn kienu jgħixu. Missierha ma kienx jaħdem. Dwar AB, tgħid illi din kienet tieħu ħsiebhom u tmur tixtri l-bżonnijiet ta' kuljum, li ma kinitx taħdem u li kienu viċini biżżejjed illi kienet tgħix u torqod fl-istess sodda magħhom. Dwar CD, hija tgħid illi ma kinitx taf jekk din kinitx taħdem stante illi ma kinitx tgħix magħhom iżda f'appartament ieħor. EF qalet ukoll illi hija qatt ma kellha x'taqsam ma' ħadd u li ommha u missierha dejjem stmawha tajjeb. Tgħid ukoll illi huma qatt ma telqu minn xi pajjiż b'biża' jew b'ħarba, iżda dejjem pjanaw li kienu ser isiefru. Dwar ċertu Gina, hija qalet illi bejn Ottubru u Novembru 2017, din kienet telqet waħedha għax kellha tarbija oħra f'pajjiż ieħor. Tgħid li din kienet tgħix ma' CD, li spiċċat fqira u għalhekk missierha xtaq jgħinha. L-unika problemi li kienet innutat fil-familja kienu ma' CD. Skont ix-xhud, EF qalet ukoll illi kien hemm ċertu sikkatura u dan fis-sens illi kien hemm okkażjoni li fiha AB kienet installat *Facebook* fuq it-*tablet* tagħha, u missierha, l-imputat odjern, kien irrabja ħafna magħha u dan għaliex hu kien għenha fil-konfront tal-familjari tagħha li ma kinux jitrattawha tajjeb. Skont hi, huwa ma xtaqx li hi tkompli tikkomunika magħhom fuq *Facebook* u ħadilha t-*tablet*. Skont EF, CD u AB ma kinux joħorġu ħafna u kienet innotat li ma kinux idumu wisq barra. Da parti tagħha, AB kienet l-aktar toħroġ għall-bżonnijiet ta' kuljum.

In **kontro-eżami** x-xhud tgħid illi meta tkellmu mat-tifla, huma kienu lebsin pajżana u li f'ħinijiet kien hemm magħhom rappreżentant minn Dar Fejda, li ma kinitx il-ħin kollu preżenti sabiex it-tifla tħossha komda.[14]

7. **PS 1326 Roy Sciberras** xehed illi nhar l-14 ta' Novembru 2017, huwa eleva numru ta' apparat elettroniku mill-fond Caroline Flats, Flat 8, Triq Efesu, Buġibba u ċioe` is-segwenti:

i. *iPad* tad-ditta *Apple* - Dok. RS 1;
ii. *starter pack* ta' *SIM card* – Dok. RS 2;
iii. *iPad* 7 *inch* – Dok. RS 3;
iv. *HP Notebook* – Dok. RS 4;
v. *Nokia mobile phone* iswed – Dok. RS 5;
vi. *Nokia mobile phone* iswed – Dok. RS 6;
vii. *iPhone S* abjad – Dok. RS 7;
viii. *iPhone rose gold* – Dok. RS 8;
ix. *Nokia mobile phone* iswed – Dok. RS 9;
x. *iPhone* 5C iswed – Dok. RS 10;
xi. *Nokia* 3310 isfar – Dok. RS 11;
xii. *Samsung* iswed – Dok. RS 12;
xiii. *Samsung* iswed – Dok. RS 13;
xiv. *Alcatel mobile phone* abjad – Dok. RS 14; u
xv. *Samsung tablet* 7 *inch* abjad – Dok. RS 15.[15]

8. **WPC 186 Dorianne Tabone** xehdet illi nhar l-14 ta' Novembru 2017, hija ngħatat struzzjonijiet sabiex tiskorta lil CD, flimkien ma' WPC 60 u PC

[14] Ara din ix-xhieda a fol. 337 sa 341 tal-proċess.
[15] Ara din ix-xhieda a fol. 361 u 362 tal-proċess.

101 u tassistihom fi tfittxija li kellha ssir fil-fond Flat 4, SBM The House, Triq San Ġilormu, Buġibba. Tgħid illi waqt din it-tfittxija instabu *lingerie*, żraben bit-tkaken, *baby oils* u kontraċettivi u tgħid ukoll illi ma kienx hemm ħwejjeġ normali f'dan l-appartament. Hija esebiet l-oġġetti hekk misjuba bħala Dok. DT 1.[16]

**L-istqarrijiet rilaxxjati mill-ko-imputati Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat**

9. Nhar l-14 ta' Novembru 2017, l-imputata **Robert Attilane Majlat** irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija bl-assistenza ta' interpretu u dan wara li hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi u wara illi kkonfermat illi hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju, u wara li tenniet illi kienet ottjeniet tali parir legali. F'din l-istqarrija, hija tgħid illi illi hija kienet ilha Malta minn Ġunju 2017 u li kienet għamlet ukoll ftit xhur f'Malta fis-sena 2016, iżda peress li ma sabux xogħol kienu rritornaw lejn l-Ungerija – dan b'referenza għaliha, għal żewġha u għal bintha ta' erbatax-il sena. Tgħid illi hija kienet impjegata ġewwa lukanda San Anton, li xogħolha kien li tnaddaf u li bdiet f'dan l-impjieg fil-5 ta' Lulju 2017. Tgħid ukoll li f'xi żmien wara saret *supervisor*. Żewġha ma kienx jaħdem, iżda kien involut ma' xi ħbieb f'kumpanija tat-trasport ġewwa l-Ungerija. Hija stqarret ukoll illi huma joqogħdu fl-appartament minn fejn ġew arrestati, u li ma kellhomx mikri għandhom appartament ieħor, filwaqt li tgħid li l-kera tar-residenza tagħhom titħallas minnha ossia mis-salarju tagħha u min-negozju tat-trasport ta' żewġha. Tgħid illi fl-istess appartament jgħixu wkoll AB u t-tifel tagħha, b'dan illi tgħid ukoll illi AB ħafna drabi ma tkunx hemmhekk

[16] Ara a fol. 363 sa 365 tal-proċess. A fol. 365 ġiet esebita lista b'deskrizzjoni tal-ħwejjeġ u żraben li nstabu fl-imsemmi fond.

għaliex kienet qegħda tftittex xogħol, u għalhekk hija tieħu ħsieb lit-tifel tagħha. Tgħid ukoll illi in oltre fl-appartament kienu jirrisjedu wkoll temporanjament iben żewġha u martu, iżda dawn kienu qegħdin ifittxu appartament. Oħtha ma kinitx tirrisjedi magħhom, iżda tgħix x'imkien ħdejn il-pjazza, għalkemm ma kinitx taf fejn preċiżament peress li ma tmurx għandha. Mistoqsija jekk kinitx taf x'kienet tagħmel oħtha bħala xogħol, hija tgħid illi għandha suspett, iżda ma kinitx ċerta u li ma riditx tgħid x'kien is-suspett tagħha, għaliex beżgħet li ġġib lil oħtha fl-inkwiet. Dwar AB tgħid li ma għandiex ħjiel dwar x'kienet qegħda tagħmel. Tgħid ukoll illi din kienet kuġina tagħha mill-bogħod, illi hija kienet qegħda sempliċiment tgħinha għaliex ġewwa l-Ungerija ma kellhiex saqaf fuq rasha u ġiet Malta sabiex issib xogħol. Mistoqsija kif AB kienet issostni lilha nnifisha, hija tgħid illi kienu jgħinuha. Dwar AB, l-imputata stqarret ukoll illi din kienet waslet Malta magħhom f'Ġunju 2017 u li għall-vjaġġ, din kienet ħallset bi flus li kienet irċieviet meta welldet. Tgħid illi kienu ġew Malta flimkien. Dwar CD, imbagħad, hija tgħid illi din kienet ġiet xi xahar qabel, u ċioe` f'Mejju 2017. Mistoqsija dwar l-involviment ta' familtha fil-prostituzzjoni u b'referenza għall-kontenut ta' *mobile phone* li hija tikkonferma li huwa tagħha, hija tgħid li ma riditx taqla' nkwiet lil CD, iżda tikkonferma illi r-ritratti fuq l-istess ċellulari kienu tal-istess CD, u li hija sempliċiment assistietha ttella' riklam fuq l-*internet* billi għenitha ttella' dawn ir-ritratti. Tikkonferma illi hija taf x'kienet tagħmel oħtha, iżda ma kellhiex x'taqsam magħha u ma' ħajjitha. Dwar AB tgħid li din sabet appartament u li kienet ser titlaq minn magħhom, kif ukoll illi ma kienet taf xejn dwarha. Mistoqsija jekk kinitx taf li AB wkoll taħdem fil-prostituzzjoni, hija tgħid li din ma kinitx biċċa tagħha, illi hija talbitha biex issib residenza oħra u stante li t-tarbija kienet tkun magħha, ma kinitx ser tħalliha tibki jew bil-ġuħ. Meta ġie suġġerit lilha illi fuq il-*mobile phone* tagħha kien hemm ritratti ta' AB għarwiena, hija tgħid illi kienet taf b'dawn

ir-ritratti, u li ħadithom għal fini tar-riklam li poġġew fuq l-*internet*, għalkemm wara tgħid illi ma kinitx hi li ħadet dawn ir-ritratti, iżda dawn ittieħdu minn Gina, ħabiba li kienet titkellem bl-Ingliż u li kienet reġgħet marret lura l-Ungerija. Skont l-imputata, xi kultant dawn kienu jissellfu l-*mobile phone* tagħha għaliex kien jieħu ritratti tajbin. Tgħid in oltre illi hi tellgħet dawn ir-ritratti u ħolqot riklam, iżda ma kinitx preżenti meta ttieħdu. Tinnega li fl-appartament fejn tirrisjedi hi, kienet qegħda ssir xi attivita` ta' prostituzzjoni u tgħid illi x'aktarx tali attivita` kienet qegħda ssir fejn kienu qegħdin jirrisjedu l-oħrajn, għalkemm tgħid ukoll illi ma kinitx taf. Tgħid illi AB kienet titlaq u hi kienet tieħu ħsieb it-tarbija tagħha. Dwar il-*mobile phones,* Robert Attilane Majlat stqarret li ħafna minnhom huma ta' CD u li din poġġiethom fuq il-bank tal-kċina. Tgħid illi hija qatt ma kienet involuta fil-prostituzzjoni. Fir-rigward tal-appartament li skont l-Uffiċjali Investigaturi kien jintuża għal fini ta' prostituzzjoni, hija twieġeb illi isimha tneħħa minn fuq il-kuntratt in kwistjoni mill-10 ta' Ġunju. Dwar dan hija tgħid illi hija kkomunikat ma' sid l-appartament sabiex titolbu jneħħi isimiha minn fuq il-kuntratt stante li hija ma kinitx tgħix hemm, u li hija kienet il-*contact person* stante li min kien jgħix fih ma kienx jitkellem bl-Ingliż u ma kinux f'Malta permanentement. Hija tgħid li ma kienetx taf fiċ-ċert dwar x'kien qed isir f'dan l-appartament wara li ġie suġġerit lilha li fih kienet tiġi eżerċitata l-prostituzzjoni, iżda setgħet tikkonferma dan meta tellgħet il-*portfolios,* għalkemm f'punt ieħor tgħid ukoll illi ma kinitx taf bl-appartament u li assumiet li kienu jmorru fil-lukandi. Tinnega li oħtha qatt tatha flus waqt li kienu Malta u tgħid illi l-flus li kellha AB kienet tonfoqhom fuq binha. Dwar l-introjtu tagħha u ta' żewġha, hija tgħid hija kienet qed tipperċepixxi madwar €1,000 jew €1,200 fix-xahar, fil-waqt li żewġha kien qiegħed jipperċepixxi madwar €300 jew €350 kull ħmistax-il jum min-negozju tat-trasport. Wara tgħid li żewġha jirċievi €350, €450, €500 jew €600 kull

ħmistax, skont ix-xogħol. Tgħid ukoll illi telqu l-ewwel darba minn Malta għaliex ma sabux l-istil ta' ħajja li kienu qegħdin ifittxu u anke għaliex kienet mietet in-nanna tagħha, fil-waqt li tgħid li fis-sena preċedenti kienu marru l-Ingilterra u l-Ungerija, oltre Malta. Hija tgħid li mhux veru li n-numru li ngħata lill-iskola ta' bintha EF fis-sena 2016 kien jintuża għall-prostituzzjoni. Mistoqsija dwar min kien jorqod fejn fl-appartament fejn kienu jirrisjedu, hija tgħid illi bin AB kien jorqod fil-kamra ta' EF, fil-waqt li AB kienet torqod fil-*living room*, għalkemm kien hemm okkażjonijiet li fihom AB kienet tmur fil-kamra ta' EF meta kien jibki binha. Tinnega li bintha u AB kienu jorqdu ħdejn xulxin u tgħid illi fi kwalunkwe każ, fil-maġġor parti tal-ħin, AB ma tkunx id-dar. Mistoqsija jekk AB kinitx taf titkellem bl-Ingliż, hija tgħid ftit u li kienu hi u EF li kienu jitkellmu bl-Ingliż. Lanqas żewġha ma kien jitkellem tajjeb bl-Ingliż. Skont hi, il-kliem fuq ir-riklami nkiteb minn dik li telqet lura lejn l-Ungerija u li kienet taf titkellem bl-Ingliż. Lanqas CD ma kienet taf tikteb bl-Ingliż. Tgħid ukoll illi ħadd ma kien imiss il-*mobile phone* tagħha, lanqas bintha. Skont hi, hija kienet tellgħet ir-ritratti li kienu jinsabu fuq il-*mobile phone* tagħha fil-jum ta' qabel, wara li kienet talbitha biex tagħmel dan CD. Tgħid ukoll illi ma kinitx taf li oħtha kienet involuta fil-prostituzzjoni ġewwa l-Ungerija.[17]

10. Illi nhar il-15 ta' Novembru 2017, l-istess imputata Robert Attilane Majlat irrilaxxjat it-tieni stqarrija tagħha, li fiha hija tgħid illi l-aħħar darba li marret ġewwa l-fond fi Triq Ġilormu kien madwar it-28 jew it-30 ta' Ottubru, meta marret sabiex tħallas il-kera, li kienet CD li tat il-flus lil sid il-proprjeta` u illi hija kienet sempliċiment preżenti biex tinforma lis-sid illi l-*water heater* ma kienx qiegħed jaħdem sewwa. Tgħid ukoll illi l-kera

[17] Ara din l-istqarrija bil-lingwa Ingliża a fol. 49 sa 68 tal-proċess u l-istess stqarrija tradotta fil-lingwa Maltija a fol. 107 sa 126 tal-proċess.

li titħallas għal dan il-fond kienet fis-somma ta' tminn mitt ewro (€800) jekk tiftakar sew, iżda hi ma kinitx iżżomm il-flus ta' CD u għalhekk ma tafx. Skont hi, CD kienet qegħda tħallas din il-kera waħedha wara li Gina telqet lura lejn l-Ungerija. Mistoqsija jekk AB tħallasx kera jew jekk qatt ikkontribwiet għall-ħlas tal-kera, hija tgħid li qatt ma kkontribwiet għal xejn. AB ma kellhiex xogħol u ma kellha xejn. Meta ġie suġġerit lilha illi din ġieli taħdem fil-5.00 a.m., hija twieġeb illi ma tistax tkun taf. Tiċħad illi hi qatt wieġbet il-klijenti bit-telefon jew li bagħtet messaġġi lill-klijenti. Tgħid ukoll illi sa dakinhar hija rċeviet erba' salarji mix-xogħol tagħha, li bihom hija tħallas il-kera u tixtri l-affarijiet neċessarji għall-ħajja u mill-bqija jgħixu fuq l-introjtu ta' żewġha. Tgħid li fl-aħħar ta' Ottubru, żewġha rċieva pagament, li ma kinitx taf l-ammont tiegħu, iżda kien ta' inqas minn elf ewro. Dwar AB, hija tgħid illi ma kinitx taf li kienet prostituta, u li kienet qegħda titmagħha għaliex ma kellhiex saqaf fuq rasha. Tgħid illi kien meta rat ir-ritratti li saret taf x'kien xogħol AB, iżda xorta ma ħassitx li kellha tħalli lilha u lil binha fit-triq. Tgħid ukoll illi ma kinitx hi li tibgħat il-messaġġi lill-klijenti, iżda Gina li telqet minn Malta jumejn qabel. Tgħid illi għalkemm hija kienet tieħu ħsieb it-tarbija ta' AB, din qatt ma qaltilha fejn kienet tmur. Wara tgħid li dwar AB kellha suspett x'setgħet kienet qegħda tagħmel, iżda hi kienet qegħda tipprova tgħinha biss. Terġa' tgħid illi l-kuntratt tal-kera tal-fond fejn kienet qegħda ssir l-attivita` tal-prostituzzjoni ma kienx baqa' f'isimha. Tgħid ukoll illi saret taf li oħtha kienet prostituta meta tellgħet ir-ritratti fuq is-sit elettroniku. Tgħid in oltre illi AB ġiet Malta f'Lulju, fil-waqt illi hija waslet f'Ġunju u li fis-sena 2016 ġew Malta lkoll flimkien. Anke AB rritornat magħhom lejn l-Ungerija peress li bħalhom ma kienetx sabet xogħol. Dak iż-żmien, f'Malta, AB kienet tgħix ma' ħabiba tagħha, ċerta Henriette Ratz.[18]

[18] Ara din l-istqarrija bil-lingwa Ingliża a fol. 85 sa 106 tal-proċess u bil-lingwa Maltija a fol. 143 sa 164 tal-proċess.

11. L-imputat **Robert Attila Majlat** irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar il-15 ta' Novembru 2017 bl-għajnuna ta' interpretu, u dan wara illi huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Fl-istess stqarrija, huwa jgħid illi wasal Malta f'Ġunju 2017, u dan wara li kienu ġew Malta fis-Sajf 2016. Jgħid li dak iż-żmien, huma kienu telqu minn Malta għaliex ix-xogħol li kellha l-mara kien intemm u marru l-Olanda, fejn l-affarijiet ma ħadmux. Jgħid ukoll illi huwa ma jaħdimx, stante illi l-Ingliż tiegħu ma kienx tajjeb biżżejjed, iżda ġewwa l-Ungerija, kellu negozju tat-trasport immexxi minn sħabu, li minnu jirċievi daqs mitt ewro (€100) kuljum, għalkemm matul ix-xahar ta' qabel, sħabu ma tawhx flus peress li ddeċieda li jibqa' f'Malta permanentement. Huwa jgħid li fl-appartament jirrisjedu hu u martu, EF, AB u t-tifel tagħha, kif ukoll ibnu. Hu u martu jorqdu f'kamra waħda, EF torqod ma' AB u t-tarbija f'kamra oħra u ibnu jorqod fil-*living room.* Dwar CD jgħid li oltre li hija miġnuna, tiġi oħt martu u ma jafx x'tagħmel bħala xogħol, fil-waqt li mistoqsi jekk AB taħdimx, huwa jgħid illi din ma taħdimx u toqgħod id-dar mat-tarbija tagħha. Stqarr ukoll illi l-kera ta' elf ewro (€1,000) fix-xahar kienet titħallas minnu, mill-mara tiegħu u minn ibnu, li jaħdem ġo lukanda ġewwa San Ġiljan. Mistoqsi jekk jafx li martu kienet tikri appartament ieħor, huwa jgħid illi dan probabbli kien għaliex CD ma titkellimx bil-lingwa Ingliża u allura martu għenitha sabiex tikseb dan l-appartament. Jgħid ukoll illi kienu l-mara tiegħu u EF li jitkellmu l-lingwa Ingliża, fil-waqt li ibnu kellu għarfien bażiku tal-istess lingwa. AB u CD ma jitkellmux bl-Ingliż. Dwar AB jgħid illi huwa m'għandux x'jaqsam magħha, illi mhux affarih x'tagħmel, illi kellha ssib xi forma ta' introjtu stante li m'għandhiex impjieg, illi ma jimpurtahx x'tagħmel, u jaħseb illi l-attivita` tal-prostituzzjoni kienet isseħħ fl-

appartament ta' CD, għalkemm ma kienx ċert dwar dan. Dwar il-kontenut tal-messaġġi lill-klijenti bil-lingwa Ingliża, huwa jgħid li probabilment martu kienet tgħin lil CD tittraduċi l-messaġġi, iżda li huma (hu u martu) qatt ma kienu nvoluti f'dawn l-affarijiet. Probabbilment kienet martu li kienet għenet sabiex jitthejjew ir-reklami bl-Ingliż. Dwar Gina jgħid li din kienet żaret lil CD għal xi ħames jew sitt ijiem u li kienet telqet lura riċentement. Ma kienx jaf jekk Gina kinitx fil-prostituzzjoni wkoll u huwa ma kellux x'jaqsam ma' dawn in-nisa. Jgħid illi AB ma tagħtihomx flus sabiex tgħin fil-ħlas tal-kera, li din kienet ilha tgħix magħhom minn Ġunju 2017, li qatt ma staqsa xejn għax ma jimpurtahx minnhom, u li issa li jaf x'kien xogħolhom jiddispjaċih li qatt ma talabhom flus. Dwar it-tarbija ta' AB, huwa jgħid illi kien jieħu ħsiebu min jinzerta jkun id-dar. Jgħid illi huwa kien jissuspetta li stante li n-nisa l-oħra ma jitkellmux bl-Ingliż, martu kienet qegħda tgħinhom, iżda hija qatt ma kkonfermatlu dan, għaliex mhux affari tagħhom x'jagħmlu l-oħrajn. Dwar CD jgħid, li huwa jipprova jevitaha u ma tantx jitkellmu. Jgħid in oltre illi mil-lejl ta' qabel induna li kien hemm xi ħaġa ħażina u ried illi dawn joħorġu mill-appartament tiegħu għaliex ma riedx li martu u EF jerġgħu jkunu f'sitwazzjoni simili.[19]

**<u>Ix-xhieda tal-allegati vittmi AB u CD</u>**

12. **AB** xehdet illi lil Robert Attila Majlat saret tafu meta kien ħadha taħt il-kontroll tiegħu bħala *pimp,* mill-kontroll ta' persuna oħra, *pimp ukoll,* li ismu ma tindikahx, liema trasferiment ta' kontroll sar bi ħlas fl-Ungerija meta hija kellha dsatax-il sena. Tgħid illi dan kien fix-xahar ta' Settembru. Wara dan, hija bdiet taħdem għal Robert barra mill-pajjiż. Flimkien mal-imsemmi Robert, martu Robert Attilane Majlat (li x-xhud tafha bħalha

[19] Ara l-istqarrija bil-lingwa Ingliża a fol. 69 sa 84 tal-proċess u din l-istqarrija kif tradotta fil-lingwa Maltija a fol. 127 sa 142 tal-proċess.

Anico ossia isem xbubitha) u binthom EF, hija vjaġġat lejn l-Ingilterra, l-Olanda, l-Ungerija u Malta, il-vjaġġi minn u għal-liema pajjiżi ġew organizzati u tħallsu minn Robert Attila Majlat. Skont hi, il-flus li kienu jaqilgħu, kienu jagħtuhom lil Robert.

Ix-xhud tgħid illi f'dawn il-pajjiżi li semmiet, xogħolha kien ta' prostituta. Għal dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tal-prostituzzjoni, ix-xhud tixhed illi kienet Anico li kienet tirċievi t-telefonati, tiffissa l-prezz, u tiftiehem mal-klijenti dwar il-ħin u l-post fejn hija kellha tmur sabiex teżerċita l-professjoni tagħha. Sabiex trendi dawn is-servizzi, xi drabi kienet tmur f'dik li hija ssejħilha 'd-dar tax-xogħol' tagħhom (*workhouse*) xi drabi f'lukandi, jew inkella kienu jiltaqgħu ħdejn post speċifiku bħaċ-ċinema u jkomplu minn hemm. Ma kinitx kapaċi tidentifika l-isem tal-lokalita` partikolari, iżda tgħid li din kienet l-istess lokalita` minn fejn huma ġew arrestati u illi l-lukandi kienu viċin tal-appartament li minnu ġew arrestati. Anico kienet tħejji r-riklami li kienu jittellgħu *online*, u l-prezzijiet għas-servizzi reżi minnhom kienu mar-riklam. Kienet Anico li tiddeċiedi dwar il-prezzijiet u tikkomunikahom lill-klijenti, liema prezzijiet kienu jiddependu mill-ħin tas-servizz, u dan fil-waqt li l-flus li kienet tirċievi mingħand il-klijenti kienu jingħataw lil Robert. Żiedet tgħid ukoll illi minn dawn il-flus ma kienet tirċievi xejn, għalkemm Robert Attila Majlat kien jaħseb huwa stess għal bżonnijiet tagħhom. Skont ix-xhud, hija qatt ma kellha l-flus tagħha u qatt ma tħallset b'paga jew salarju. Huma kienu jixtrulhom kull ma jkollhom bżonn, inkluż ħrieqi. Tgħid AB illi kienu diversi n-nisa li kienu jitħaddmu mill-imputati b'dan il-mod, u dan fil-waqt li fix-xhieda tagħha hija ssemmi lil CD u lil Gina, li ma baqgħetx Malta u oħrajn li hija tirreferi għalihom bħala Patty, Petra, Perietta. Skont hi, dawn kollha marru lura lejn l-Ungerija. Ix-xhud tgħid illi hija kienet tippresta s-servizzi tagħha lil madwar ħmistax il-klijent kuljum.

AB tixhed ukoll illi kienu waslu l-ewwel darba f'Malta f'Awissu tas-sena 2016, iżda peress illi sid il-kera ta' l-appartament kien għaddielu suspett dwar l-attivita` li setgħet kienet qegħda ssir fl-appartament tiegħu, u peress li dan l-istess sid kien hedded li kien ser jgħarraf b'dan lill-pulizija, huma rritornaw lura lejn l-Ungerija, minn fejn vjaġġaw lejn l-Olanda u reġgħu rritornaw Malta xi żmien qabel Settembru tas-sena 2017. Imbagħad kienet reġgħet bdiet taħdem ta' prostituta f'Malta f'Settembru 2017.

Għal darb'oħra AB tgħid illi kienet Anico li kienet twieġeb it-telefonati mingħand il-klijenti u li wara li l-klijent jgħidilha b'dak li kien jixtieq mingħand it-tfajliet, fi kliem ix-xhud "*some of them wanted to get drunk or take drugs or the girls had to make them happy…So they had to …music, dance and they had to have sex with them…The customer decides if he want to see the girls in high heels or what kind of dress they want them to see*"[20], kienet Anico li tagħtihom l-istruzzjonijiet dwar dak li ried il-klijent. Dwar il-*mobile phones* li nstabu fl-appartament fejn kienu jgħixu, ix-xhud tgħid illi dawn inxtraw għaliex kull tfajla kellha riklam u illi kull riklam kellu numru ta' *mobile phone* abbinat miegħu. Għalhekk kull tfajla kellha numru abbinat magħha. Kienet Anico li kienet tieħu ħsieb dawn il-*mobile phones,* u kienet hi wkoll li tikkomunika mal-klijenti fuq dawn il-*mobile phones* bil-lingwa Ingliża. Tgħid illi għal kuntrarju tagħha, Anico kellha għarfien tal-lingwa Ingliża. Kienet ukoll Anico li ħejjiet ir-riklami fuq is-siti elettroniċi, u kienet hi wkoll li ħadet ir-ritratti tagħhom għal fini ta' dawn ir-riklami *online.* Anico kienet turihom dawn ir-ritratti u tispjegalhom dwar liema kienu l-aħjar ritratti li jattiraw l-iżjed klijenti. Ix-xhud tgħid ukoll illi hija qatt ma ltaqgħet mal-ġenituri ta' Robert, għaliex dejjem

[20] Ara a fol. 35 tal-proċess.

kellhom l-appartament tagħhom. Tgħid ukoll illi wara Malta kienu marru ġewwa l-Olanda għaliex hija kellha tarbija u li kieku baqgħet l-Ungerija kienu jeħdulha t-tarbija. Hija tispjega li anke l-Olanda kienu rriskontraw problemi mal-pulizija u għalhekk kellhom jitilqu minn hemm ukoll.

In oltre x-xhud tgħid illi t-tarbija tagħha għandha tmien xhur u ma tafx min hu missieru. Tgħid ukoll illi hija kellha saħansitra x'taqsam sesswalment ma' Robert, b'liema relazzjoni hija ma kinitx komda in vista tal-fatt li huwa kellu familja. Tgħid illi hija ma xtaqitx li jkollha x'taqsam miegħu u li qaltu b'dan diversi drabi, u dan kien sors ta' tensjoni bejniethom, u skont hi, wara ma bdewx jagħtu kasha. Tgħid ukoll illi wara li ppruvat twaqqaf lil Robert diversi drabi, dan kien bħal donnu qata' qalbu. Tgħid ukoll illi hija kienet sabet ruħha fit-triq meta kellha tmintax il-sena u ommha saret taf li kienet qed tipprostitwixxi ruħha. L-ewwel *boyfriend* tagħha wkoll kien fil-prostituzzjoni ġewwa l-Ungerija u mingħandu spiċċat ma' *pimp* ieħor u sussegwentement ma' Robert. Minkejja li tgħid li kienet tistħi mill-fatt li kienet spiċċat f'dan ix-xogħol, tgħid ukoll illi lil Robert qatt ma għarrfitu li riedet tieqaf, għaliex kienet poġġiet il-bżonnijiet tat-tarbija qabel tagħha u li kieku telqet minn dan ix-xogħol, it-tarbija kienet tispiċċa b'xejn.

Tgħid ukoll illi fl-appartament fejn kienet tgħix hi mat-tarbija tagħha, kien hemm ukoll il-ko-imputati, EF u CD, għalkemm iżjed tard tgħid illi hi u t-tarbija tagħha kienu jgħixu mal-ko-imputati u ma' EF.

In **<u>kontro-eżami</u>** imbagħad ix-xhud tgħid illi qabel kellha t-tarbija hija kienet tgħix fid-dar tax-xogħol minn fejn kienu jaħdmu, iżda minn meta twieldet it-tarbija, bdiet tgħix mal-ko-imputati. Tgħid ukoll illi peress illi hija ma kellhiex fejn tmur, u peress li kienu jipprovdu għall-ivvjaġġar, hija

baqgħet dejjem ma' l-imputati. Tgħid ukoll b'referenza għat-tieni darba li ġew Malta illi fil-waqt illi Anico u EF ġew Malta, hija ma ġietx magħhom u baqgħet l-Ungerija għaliex kellha tieħu ħsieb il-karti għat-tarbija. Wara vjaġġat lejn Malta flimkien ma' Robert u t-tarbija tagħha. Fil-frattemp, Robert kera appartament fl-Ungerija u kienet tgħix hemmhekk. Tgħid ukoll b'referenza għall-*mobile phones*, illi f'kull pajjiż kien ikollhom numri differenti ta' dak il-pajjiż li jkunu jinsabu fih.[21]

**AB,** fil-**kontro-eżami** tagħha tas-16 ta' Ottubru 2020, miżmum hekk kif ordnat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, xehdet illi hija kienet tkeċċiet mid-dar ta' ommha fl-Ungerija wara argument li kellhom. Tgħid illi wara dan l-episodju hija kienet iltaqgħet ma' raġel, magħruf bħala 'Fike' li bgħatha għand raġel ieħor li kienu jsibuh bħala l-*'bus man'* jew '*bus driver'*, fejn kellha taħdem bħala prostituta, apparti li kienet tagħmel ukoll xogħol ieħor. Mistoqsija, AB tgħid illi hija kienet tagħmel ix-xogħol ta' prostituta volontarjament, u dan peress illi ma kellhiex għażla oħra għaliex kienet fit-triq u ma kellhiex mod ieħor kif taqla' l-flus. Iżżid tixhed illi l-imputat Robert kien mar jiltaqa' mal-*'bus driver'* f'post li jġib l-isem Zsocska, fejn tlett ijiem wara ġiet mgħarrrfa mill-*'bus driver'* illi minn hemm il-quddiem kienet ser taħdem għal Robert. Tiftakar li dan seħħ f'Ottubru, iżda ma tiftakarx is-sena, għalkemm tgħid ukoll li forsi kellha madwar għoxrin sena. Mistoqsija mid-difiża x'kienet taħseb hi dwar dan l-arranġament u jekk riditx tmur ma' Robert, ix-xhud tgħid illi għall-bidu ma tatx każ dwar dan anke għaliex l-imputati kienu ġenerużi magħha u kienu jixtrulha l-affarijiet. In oltre ħasset li kellha titlaq minn mal-'*bus driver*' għaliex dan kien jitrattaha ħażin. Hija tiċħad li Robert kien ltaqa' magħha meta hija kienet fit-triq, kif suġġerit lilha mid-difiża. Tispjega wkoll illi fil-bidu,

[21] Ir-*recording* tal-*videoconferencing* ta' din ix-xhieda jinsab a fol. 44 tal-proċess; il-verżjoni bl-Ingliż ta' din ix-xhieda tinsab a fol 32 sa 43 tal-proċess, fil-waqt illi l-verżjoni bil-Malti tinsab a fol. 175 sa 186 tal-proċess.

Robert ma kienx jisfurzaha, iżda wara li nqabdet tqila kellhom imorru l-Olanda u wara Malta, minkejja li hija ma xtaqitx tiġi hawn. Tispjega illi mill-Ungerija hija vjaġġat ma' Robert lejn l-Ingilterra fejn għall-ewwel darba ltaqgħet ma' Anico u ma' EF ġewwa d-dar tagħhom. Damet biss tliet ijiem ġewwa l-Ungerija qabel marru l-Ingilterra u f'dan iż-żmien kienet tgħix ma' omm Robert. Ġewwa l-Ingilterra kienet tgħix ma' tfajliet oħra, Henny u x'aktarx Emily (għax ma kinitx ċerta mill-isem) u mhux ma' Robert. Hawnhekk hija wkoll kienet taħdem bħala prostituta. Tiċħad li f'dan iż-żmien Robert u Anico kienu qegħdin jgħixu ġewwa l-Kanada, iżda anzi huma kienu jċemplulha sabiex jgħidulha fejn kellha tiltaqa' mal-klijenti. Tgħid in oltre illi hija ma kinitx taf lil Robert u lil Anico fiż-żmien li dawn kienu qegħdin il-Kanada. Ġewwa l-Ingliterra ma damux ħafna, għaliex anke hawn kienu qegħdin jiġu mfittxija mill-pulizija. Fl-Ingilterra wkoll kienet taħdem bħala prostituta u l-flus li kienet taqla' minn dan ix-xogħol kienet tagħtihom lil Robert u lil Anico. Mistoqsija għalfejn kienet tagħtihom il-flus, hija twieġeb illi kellha tagħmel hekk. F'dan ir-rigward tgħid illi kien hemm okkażżjoni li fiha Robert sawwatha għaliex ma qalgħetx biżżejjed flus, u minn dakinhar kienet tagħtih il-flus kollha mill-ewwel sabiex ma jkollhiex problemi miegħu. Dan seħħ f'Malta, iżda anke l-Ingilterra kienet tagħtih il-flus kollha għaliex ma riditux iweġġagħha. Dwar dan tgħid illi f'okkażżjoni minnhom fl-Ingilterra hija ma kinitx tathom il-flus, u Robert kien sawwatha. Tgħid li hija sfat vittma ta' swat minn Robert fi tlett okkażżjonijiet, u ċioe` darba fuq l-ajruplan fi triqthom lejn l-Ingilterra kawża ta' sokor da parti ta' Robert, u drabi oħrajn minħabba l-flus, ġewwa l-Ingilterra. Dwar l-okkażżjoni li fiha Robert sawwatha fuq l-ajruplan, hija tgħid illi m'għamlitx rapport lill-pulizija għaliex kienet tibża' mill-imputati u ma kienet tgħid xejn, u illi kawża ta' l-istess biża', lanqas kienet tikkontempla li tagħmel xi pass. Kienet imbeżża' tant li ma kinitx telqet minn magħhom. Tgħid li mill-Ingilterra,

flimkien mal-imputati, ma' EF u CD, vjaġġaw lejn l-Olanda u sussegwentement lejn Malta. Ġewwa l-Olanda damu xi tliet xhur għaliex għal darb'oħra kellhom il-problemi mal-pulizija. Tgħid illi minn Malta, reġgħu marru l-Olanda u wara, l-Ungerija għal ftit jiem, fejn indunat li kienet tqila bit-tarbija tagħha. Sussegwentement, flimkien ma' Robert u t-tarbija reġgħet irritornat lura Malta. Fil-frattemp, Anico diġa` kienet tinsab hawn. Tixhed AB illi f'Malta hija kienet tgħix biss ma' l-imputati u mat-tarbija tagħha, u mhux fejn kienu jgħixu t-tfajliet l-oħra Ungeriżi, f'liema appartament kienet tmur biss għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Fil-frattemp meta kienet tmur għax-xogħol, lil binha kienet tħallih fl-appartament tal-imputati u hemmhekk kienu jieħdu ħsiebu Aniko, Robert, EF jew min ikun hemm. Tgħid rigward il-bżonnijiet tat-tarbija tagħha illi dawn kien jixtrihomlha ċertu Robert, ħabib tal-imputat odjern li xi kultant kien jiġi Malta sabiex iżur lill-ko-imputati, u xi ħwejjeġ għat-tarbija kienu nxtraw lilha minn omm l-imputat meta kienu ġewwa l-Ungerija u hi kienet għadha tqila. Meta Robert il-ħabib tal-ko-imputati ma kienx ikun Malta, kien ikun l-imputat li jixtri l-bżonnijiet tat-tarbija. Tistma li kienet tagħmel madwar elf ewro kuljum mix-xogħol tagħha, u li kienet taħdem kuljum minn filgħodu sa filgħaxija anke matul il-lejl, inkluż il-Ħdud, mid-dar tax-xogħol (ossia l-appartament l-ieħor) jew minn ġo lukandi, u anke fid-dar tal-klijenti. Il-flus kienet tiġborhom hi mingħand il-klijenti, imbagħad kellha tagħtihom lil Robert u kienet tagħmel dan wara kull klijent. Mistoqsija, AB ma kienetx taf tispjega kif Anico kienet issib ħin twieġeb it-telefonati tal-kijenti meta din kellha impjieg fiss ġewwa lukanda; biss tgħid illi meta kienet tkun xogħol, Anico kienet tgħaddi l-messaġġ lil Robert li kien jgħarrafha bix-xogħol.

In **<u>ri-eżami</u>**, ix-xhud tisħaq illi hija qatt ma applikat għall-passaport u li hija qatt ma vjaġġat barra mill-Ungerija ħlief ma' l-imputati. Tgħid illi hija qatt ma kellha kont bankarju jew karta ta' kreditu f'isimha.[22]

13. **CD** xehdet illi hija waslet Malta mill-Olanda nhar is-26 ta' Mejju 2016, flimkien ma' oħtha Robert Attilane Majlat (li hija ssejħilha Anico) u tfajla oħra bl-isem ta' Gabriella. Tgħid illi huma kienu jgħixu f'appartament f'Buġibba, mil-liema appartament il-pulizija ġabru l-affarijiet tagħha. Tgħid illi huma ġew Malta mill-Olanda u dan għaliex oħtha kienet wegħditha ħajja aħjar u li terġa' tingħaqad ma' wliedha li kienu *fostered* u dan billi teżerċita l-prostituzzjoni. Skont oħtha, fl-aħħar mill-aħħar hekk kienet ser tkun mal-familja tagħha. Iżjed tard tgħid ukoll illi oħtha kienet wegħditha dak li wieħed jimmaġina b'ħajja aħjar, b'iżjed flus. Tgħid CD illi hekk kif waslet Malta bdiet taħdem ta' prostituta u li kienet Anico li kienet tieħu ħsieb li tirċievi t-telefonati mingħand il-klijenti u tagħtiha l-istruzzjonijiet dwar fejn kellha tmur u fi x'ħin u l-prezzijiet li kellha żżomm ta' xogħolha. Ix-xhud tgħid ukoll illi hija ma kellhiex għarfien tal-lingwa Ingliża. Il-flus li kienet iddaħħal mill-eżerċizzju tal-prostituzzjoni, tal-inqas ħames jew sitt klijenti kuljum, kienet tgħaddihom lill-imputata Anico, mingħajr ma żżomm xejn. Tixhed illi l-imputati kienu madanakollu jipprovduha b'dak li kien ikollha bżonn. Bejn wieħed u ieħor il-klijenti kienu jħallsu ħamsin ewro għal nofs siegħa jew mitt ewro għal siegħa. Tispjega x-xhud illi wara l-wasla tagħha f'Malta, kienu ġew ukoll Robert u EF, u aktar tard, AB mat-tarbija u sussegwentement, xi tfajliet oħra li wkoll kienu jagħmlu l-istess xogħol, għalkemm ma damux Malta. Lil dawn ukoll kienu ġabuhom Robert u Anico. Hija tixhed illi b'differenza minnha, dawn ta' l-aħħar kienu jżommu nofs il-flus li kienu jaqilgħu, u dan

[22] A fol. 790 sa 880 tal-proċess. Ir-*recording* tal-*videoconferencing* ta' din ix-xhieda jinsab esebit a fol. 787 tal-proċess.

peress li skont l-imputati, hi kienet membru tal-familja. Skont hi, Anico u Robert kienu jitrattawha skont il-burdata li kienu jkunu fiha u meta kien ikollhom burdata ħażina, kienu jitrattawha ħażin u jgħajjtu magħha. Tgħid ukoll illi Robert taha daqqa ta' ponn f'imneħirha, fil-waqt li l-imputata kienet issawwatha. Fl-aħħarnett, ix-xhud tgħid ukoll illi wara l-arrest tagħha, kien għamel kuntatt magħha missierha, li jiġi wkoll missier l-imputata Robert Attilane Majlat, li talabha sabiex ma tixhidx fil-konfront ta' oħtha u qalilha li ma kinitx xi ħaġa sabiħa li oħtha tispiċċa l-ħabs minħabba fiha. Ix-xhud identifikat lill-imputati odjerni bħala li huma oħtha u r-raġel ta' oħtha. [23]

**CD,** fil-**kontro-eżami** tagħha miżmum hekk kif ordnat mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhat it-30 ta' Ottubru 2020, tikkonferma li hija waslet Malta fis-26 ta' Mejju 2016 u tgħid illi wliedha twieldu kollha qabel il-wasla tagħha f'Malta. Tgħid li Malta ġiet ma' Gabriella u ma' oħtha l-imputata, u li għal dan il-vjaġġ kien ħallas l-imputat. Tgħid ukoll illi r-relazzjoni ma' oħtha għall-ewwel kienet waħda tajba, iżda din iddegradat meta wasal l-imputat mill-Olanda flimkien ma' EF, fejn kellu l-problemi mal-pulizija, u dan għall-ħabta ta' Ġunju jew Lulju 2016, partikolarment għaliex dak iż-żmien l-imputat kien jixrob u kien isir aggressiv. Dak iż-żmien kienet tiġġieled ukoll ma' Anico. Mistoqsija ġietx Malta volontarjament, ix-xhud tgħid li l-imputati kienu wegħduha illi kemm il-darba tiġi Malta u teżerċita l-prostituzzjoni hija kien ser tkun tista' tmur lura l-Ungerija u ġġib magħha t-tfal. Tgħid ukoll illi l-imputat u AB kienu baqgħu l-Ungerija kawża ta' ħtiġijiet ta' reġistrazzjoni tat-tarbija ta' AB, u tgħid illi hija kienet bdiet teżerċita l-prostituzzjoni f'Malta, kif kienet tagħmel l-Olanda, qabel il-wasla ta' l-imputat f'Malta. Tgħid illi għall-

[23] Ir-*recording* tal-*videoconferencing* ta' din ix-xhieda jinsab esebit a fol. 194 tal-proċess; il-verżjoni bl-Ingliż tinsab a fol. 189 sa 193 tal-proċess u l-verżjoni bil-Malti tinsab a fol. 199 sa 206 tal-proċess.

ewwel l-imputata, Gabriella u hi kienu krew appartament għal tmien mitt ewro fix-xahar, liema kirja kienet titħallas mill-imputata mill-flus li kienu jagħtuha Gabriella u x-xhud mix-xogħol li kienu jagħmlu. Qabel il-wasla tal-imputat, ta' EF u ta' AB, imbagħad, l-imputata kienet kriet appartament ieħor għal elf ewro fix-xahar. Tisħaq illi l-kera ta' dawn iż-żewġ appartamenti kienu jitħallsu mill-qliegħ tal-prostituzzjoni, u dan fil-waqt li tgħid illi hi kienet baqgħet tgħix fl-ewwel appartament mat-tfajliet l-oħra, fil-waqt li l-imputati, EF u AB u t-tarbija kienu jgħixu fit-tieni appartament. Tgħid ukoll illi kienet l-imputata li kienet tikkomunika mal-klijenti u li hi ma kinitx taf titkellem bl-Ingliż, u li dan Anico kienet tagħmlu anke waqt il-ħin tax-xogħol tagħha li kien bejn id-9.00am u s-2.00pm jew it-3.00pm. Tispjega wkoll illi l-imputata kellha numru li fuqu kienu jċemplu l-klijenti, fil-waqt li hi kellha numru li permezz tiegħu l-imputata kienet tikkomunika magħha. Tixhed ukoll illi flus għaliha qatt ma żammet, li huma kienu jieklu mill-ikel li kienet issajjar Anico, u li hi ma setgħet tavża lil ħadd b'dan kollu, għaliex kienet il-ħin kollu taħt il-kontroll ta' l-imputati. Tikkonferma illi kemm hi, kif ukoll AB kien jagħmlu xogħolhom mill-appartament li fih kienet tgħix hi u fil-waqt li tgħid li ma tafx x'kien l-arranġament finanzjarju ma' AB, tirrimarka li din kienet ilha mal-imputati minn meta kienu l-Ingilterra. Tgħid ukoll illi dak li kienu qalulha l-imputati meta ġew Malta, kienu qaluhulha ġewwa l-Olanda wkoll u dan fis-sens illi jekk taħdem ta' prostituta, kienet ser terġa' tingħaqad mat-tfal, iżda tgħid ukoll illi dan ma kienx minnu.[24]

**<u>Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni</u>**

[24] Ara fol. 868 sa 901 tal- proċess.

14. **Silvana Calleja**, *social worker* li kienet qegħda ssegwi lil CD fi ħdan il-*Unit* tal-Vjolenza Domestika ġewwa l-Aġenzija Appoġġ, xehdet illi fid-19 ta' Dicembru 2017 CD kienet għarrfitha illi hija kienet qed tirċievi theddid minn naħa tal-familjari tal-imputati u in oltre illi missierha, li huwa wkoll missier l-imputata Robert Attilane Majlat, kien qiegħed jagħmel pressjoni fuqha sabiex hija tirtira l-imputazzjonijiet u tgħid li ma kienx minnu li hija għaddiet minn ċerti affarijiet. Ix-xhud tgħid ukoll illi l-istess CD kienet għarrfitha illi kien sar theddid fuq il-ħajja tagħha mill-familja ta' Robert Attilane Majlat tramite ħabiba tagħha, u li stante illi dawn il-familjari kienu jgħixu l-Ungerija, hija kienet anke preokkupata għal uliedha li wkoll jirrisjedu ġewwa l-Ungerija u li setgħu għalhekk kienu fil-periklu.[25]

15. **Dr. Noel Cutajar** xehed in rappreżentanza ta' FexServ Financial Services u ppreżenta dokumenti dwar flejjes li bagħtu u rċevew l-imputati permezz tas-servizz bl-isem *Western Union*.[26]

16. **Patrick Decelis** xehed illi EF kienet studenta tal-Kulleġġ Maria Regina, Mosta, fejn bdiet tattendi fl-24 ta' Ottubru 2017, u li n-numru tat-telefon li kien ingħata minn Robert Attilane Majlat għal fini ta' kuntatt mal-ġenituri kien in-numru 7934 1319. Jgħid illi n-numru li kien mogħti mill-istess Robert Attilane Majlat meta l-istess minuri kienet qegħda tattendi l-Iskola Sekondarja taż-Żoqrija, Mosta fis-sena skolastika ta' qabel, kien in-numru 7926 5108.[27]

17. **John Mary Vella** u **Mary Grace Vella** xehdu illi huma kienu jikru lill-imputati l-appartament bin-numru tmienja (8) formanti parti minn blokka bl-isem 'Caroline Flats' fi Triq Efesu, San Pawl il-Baħar. Jispjegaw illi l-

---

[25] Ara a fol. 187 u 188 tal-proċess.
[26] Ara din ix-xhieda a fol. 210 u 211 tal-proċess u d-dokumenti esebiti a fol. 212 sa 240 tal-proċess.
[27] A fol. 242 sa 245 tal-proċess.

arranġamenti kienu saru ma' l-imputata Robert Attilane Majlat u li kienet hi li kienet tħallas il-kera. Jgħidu li fl-appartament kienu jgħixu l-imputati, t-tifla tagħhom u tfajla oħra li kellha tarbija. Fir-rigward ix-xhieda esebew kopja tal-kuntratt ta' kera illi John Mary Vella ffirma flimkien mal-ko-imputati datat 5 ta' Ġunju 2017 u viġenti bejn l-10 ta' Ġunju 2017 u d-9 ta' Ġunju 2018[28], kif ukoll il-ktieb tal-kera[29].

In **kontro-eżami** x-xhieda jgħidu illi l-isem ta' din it-tfajla ma kinux jafuh, iżda din kellha tarbija u ma kinitx titkellem bl-Ingliż.[30]

18. **EF** għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri kontra ommha l-imputata Robert Attilane Majlat u dan bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 633(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[31]

19. **Constantin-Dan Cosma** jgħid illi huwa kien iltaqa' ma AB, li magħha kellu x'jaqsam sesswalment, u dan fl-appartament li fih kien hemm ukoll CD. Jgħid li dan sar possibbli wara li kien ikkomunika ma' mara, bil-lingwa Ingliża, permezz tat-telefon fuq numru li kien reklamat fuq l-i*nternet* u b'liema mod ġie miftiehem il-prezz u anke l-lok. Jgħid illi huwa ħallas ħamsin jew sittin ewro għal nofs siegħa għal dawn is-servizzi.[32]

20. **Osmar Yasmin Abdikarin** xehed illi xi erba' xhur qabel, huwa kien ċempel fuq numru tat-telefon li kien jidher fuq sit elettroniku, liema sit indika l-lok bħala San Pawl il-Baħar. Jgħid li hu kien effettivament ltaqa'

[28] Ara a fol. 248 u 249 tal-proċess.
[29] A fol. 252 sa 258 tal-proċess.
[30] A fol. 246 u 247 tal-proċess.
[31] Ara a fol. 267 tal-proċess.
[32] Ara din ix-xhieda bil-lingwa Ingliża a fol. 284 sa 286 tal-proċess u l-verżjoni bil-Malti a fol. 329 sa 331 tal-proċess.

maż-żewġ nisa li rrendewlu servizzi sesswali fl-istess appartament, f'iljieli differenti. B'referenza għal Dok. RG 1, huwa jgħid illi din ma kinitx titkellem sew bl-Ingliż, li huwa ċempel fuq numru li kien jidher fuq is-sit u ltaqgħu ħdejn iċ-ċinema f'San Pawl il-Baħar. Jgħid li min irrisponda ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż sew, u għalhekk kienu skambjaw messaġġi.[33]

21. **Carmel Dimech** xehed li huwa kien ċempel numru li kien reklamat fuq sit elettroniku u li kien iltaqa' mal-mara li tidher f'Dok. RG 2. Jgħid li minkejja li kien mar fuq il-post fejn ftehmu u ltaqgħu, huwa kellu ripensament, u għalhekk iddeċieda li jitlaq, b'dan illi l-mara talbitu l-flus xorta waħda, u huwa ħallasha. Jgħid ukoll li magħha kien ikkomunika bl-Ingliż.[34]

22. **Dr. John Seychell Navarro** in rappreżentenza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali xehed dwar ir-riċerka tal-assi tal-ko-imputati li saret wara d-digriet tas-16 ta' Novembru 2017 dwar l-iffriżar tal-assi fil-konfront tagħhom. Skont l-istess xhud, dwar l-imputat Robert Attila Majlat, huwa ma rċieva l-ebda risposta mingħand l-entitatjiet li seta' kellhom informazzjoni dwar l-assi tal-istess imputat, fil-waqt li fir-rigward tal-imputata Robert Attilane Majlat, irriżulta illi din kellha kont attiv *mobile fixed* u servizz tal-*internet* b'rabta mal-fond 'Caroline', 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar. Jgħid ukoll illi hija ġiet reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-25 ta' Ottubru 2017, b'effett mis-sena bażi 2017, iżda naturalment kienet għadha ma daħlet ebda *return* tat-taxxa. Ix-xhud spjega wkoll li l-imputata kienet għamlet numru ta' transazzjonijiet tramite l-kumpanija bl-isem *Papaya Electronic Money*, iżda ma kienx hemm flejjes fil-kont in kwistjoni.[35] F'seduta sussegwenti, ix-xhud

[33] Ara din ix-xhieda bil-lingwa Ingliża a fol. 287 sa 289 tal-proċess u l-verżjoni tal-istess bil-Malti a fol. 332 sa 334 tal-proċess.
[34] Ara a fol. 290 u 291 tal-proċess.
[35] Ara x-xhieda a fol. 296 u 297 tal-proċess u d-dokumenti esebiti a fol. 298 sa 327 tal-proċess.

ikkonferma illi huwa ma kien rcieva l-ebda informazzjoni ulterjuri wara t-talba għal informazzjoni dwar l-assi tal-ko-imputati u li ma kellu xejn aktar xi jżid ma' dak li kien xehed preċedentement.[36]

23. **Jonathan Zahra** xehed illi huwa kien bagħat messaġġ fuq numru li deher fuq sit elettroniku *Maltese Escorts* u rċieva messaġġ lura li kien jgħid illi l-mara in kwistjoni ma kinitx disponibbli u li seta' jċempel lill-ħabiba tagħha. Huwa baqa' ma weġibx għal dan il-messaġġ.[37]

24. **Dr Martin Bajada** maħtur mill-Qorti bħala espert tekniku sabiex "*mid-devices li huma mobile phones antiki jinhareg l-SMSs u l-calls li kien hemm fihom u mill-ismart phones, tablet, I Pads u laptop jinhareg l-SMSs u l-calls li kien hemm fihom u tinhareg kull tip ta' komunikazzjoni f'social media u jigu ddawnlowdjati kull ritratt li hemm go fihom u call profiles ta' Dok. RS1 sa Dok. RS15*"[38], ippreżenta r-relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. MBX1.[39]

**<u>Xhieda prodotti mid-difiża</u>**

25. L-imputata **Robert Attilane Majlat** għażlet li tixhed f'dawn il-proċeduri. Hija tgħid illi l-ko-imputat huwa żewġha, u li huma żżewġu fl-10 ta' April 2010 ġewwa l-Ungerija. Tgħid illi ma kellhomx ulied flimkien. Fid-19 ta' Awwissu 2010 huma telqu lejn il-Kanada, flimkien ma' bintha minn relazzjoni preċedenti, EF u hemmhekk talbu li jottjenu stat ta' refuġjati. Tgħid illi din it-talba ġiet madanakollu miċħuda, anke fi stadju ta' appell, sakemm fit-8 ta' Jannar 2015 huma ġew deportati mill-Kanada u rritornaw

[36] Ara a fol. 354 u 355 tal-proċeess.
[37] Ara a fol. 335 u 336 tal-proċess.
[38] Ara a fol. 359 tal-proċess.
[39] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 369 sa 378 tal-proċess.

lejn l-Ungerija. Tgħid illi peress illi l-maġġor parti tal-familja ta' żewġha jgħixu l-Ingilterra, huma kienu rħewlha lejn l-Ingilterra, ġewwa Bradford, fejn għall-ħabta ta' Mejju jew Ġunju 2016 iltaqgħet ma' AB, li kienet fi stat ħażin ħafna, tibki fit-triq. Tgħid li AB, li kienet ukoll ta' nazzjonalita` Ungeriża, kienet qaltilha li kienet prostituta u talbitha l-għajnuna peress li hija kienet qegħda taħrab minn xi ħadd. Tgħid ukoll pero` illi hija kienet taf lill-familja ta' AB u dan peress illi huma kuġini mill-bogħod ħafna u kienet ilha ma taraha minn meta kienu żgħażagħ. Tgħid ukoll illi stante li kellha l-familja tagħha, hija ma qabditx u ħadet lil AB ġewwa darha, iżda tatha numru tat-telefon ta' xi nies biex jgħinuha. Wara li ltaqgħet magħha, huma damu xi xahar ġewwa l-Ingilterra u telqu minn hemm f'Ġunju 2016, marru l-Ungerija u fis-Sajf tas-sena 2016 hija kienet sabet xogħol f'Malta. Għalhekk ġew Malta iżda peress li żewġha ma sabx xogħol, kienu rritornaw lejn l-Ungerija. Tgħid ukoll illi flimkien ma' ħabiba tagħha u peress li reġgħet sabet xogħol, hija kienet irritornat lejn Malta f'Ġunju 2017 u bdiet taħdem f'lukanda, San Anton f'Buġibba, fil-waqt li l-imputat u bintha Vannessa rritornaw aktar tard. Tgħid ukoll illi hi flimkien ma' żewġha u bintha bdew jirrisjedu fl-appartament numru 8, 37, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar. Dwar l-impjieg tagħha, l-imputata tgħid illi hija kienet taħdem bħala *cleaner* u sussegwentement ġiet promossa bħala *supervisor.* Is-salarju tagħha kien ta' bejn €1,200 u €1,300 fix-xahar, fil-waqt li dwar AB tgħid illi hija kienet baqgħet f'kuntatt magħha, u li din kienet waslet Malta f'Settembru, wara li talbitha sabiex tgħinha għaliex kellha tarbija. L-imputata ma kienetx taf tirrispondi dwar min ħallas l-ispejjeż tal-biljett ta' l-ajru sabiex AB ġiet Malta. Tgħid iżda li AB kienet tgħix ma' CD, u li fuq talba tagħha kienu jieħdu ħsieb it-tarbija tagħha. Skont ix-xhud, AB kienet ġiet ġewwa Malta speċifikatament sabiex tipprostitwixxi ruħha, u dan hija kienet tafu għaliex skont hi, AB kienet qaltilha illi hija kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol minn meta kellha tmintax-il sena u ma riditx tieqaf. Dwar

CD, hija tgħid illi din tiġi oħtha, min-naħa tal-missier u li din ukoll kienet prostituta. Bħala konsegwenza, ġewwa l-Ungerija kienu ħadulha t-tfal tagħha. L-imputata, anke jekk tixhed li AB kienet iżżurhom spiss, tinnega li din kienet tgħix magħhom fl-appartament ġewwa Triq Efesu, u żżid tgħid li jumejn qabel l-arrest tagħhom, ħu l-imputat kien ħa l-bagalji fil-fond fejn kienu jgħixu huma. Skont hi, ħadd qatt ma għex magħhom f'din ir-residenza. Tgħid ukoll illi hi u żewġha kienu jieħdu ħsieb it-tarbija ta' AB bħala *babysitters* u AB kienet dejjem tagħtihom €50 fil-ġimgħa talli kienu jieħdu ħsieb it-tarbija, jixtru dak meħtieġ għall-istess tarbija bħal *nappies* u ħalib, u jitimawhom. Tiċħad imbagħad li hija kienet involuta fix-xogħol ta' prostituzzjoni ta' CD u AB, fil-waqt li tisħaq illi kienet għenithom f'okkażżjoni waħda biss meta riedu jagħmlu riklam fuq l-internet. Hekk ukoll tiċħad li kienet hi li ħadet ir-ritratti esebiti a fol 275 *et seq* tal-proċess, liema ritratti hija tikkonferma li huma ta' AB u CD, u tgħid li tissusspetta li dawn kienu ttieħdu minn AB u CD lil xulxin, stante li kienu jgħixu fl-istess appartament, bl-*Iphone* tagħha, għaliex ġieli talbuha sabiex issellifulhom. Dwar il-*mobile phones* li ġew elevati mill-appartament tagħhom ġewwa Triq Efesu waqt l-arrest, l-imputata tgħid illi erbgħa minnhom huma tagħha, wieħed ta' l-imputat, wieħed ta' EF, fil-waqt li r-rimanenti jappartjenu lil AB u lil CD. Dak il-ħin kollha kienu għadhom kif telgħu fl-appartament sabiex jieklu u kien għalhekk li kien hemm dan in-numru ta' *mobile phones* hemmhekk. Dwar CD ix-xhud tgħid li din waslet Malta qabilha, u ma kinetx taf tgħid min kien ħallsilha l-biljett ta' l-ajru.

**<u>In kontro-eżami</u>** imbagħad ix-xhud tgħid li hija kienet waslet Malta ma' Gabriella Potain u li bdiet taħdem fuq bażi regolari ġewwa l-lukanda mill-5 ta' Lulju sad-data ta' l-arrest tagħha. Tgħid illi b'kollox qabdet erba' pagi; fl-ewwel xahar il-paga kienet ta' madwar elf ewro, iżda peress li wara kienet ġiet promossa, it-tlett pagi l-oħra kienu ta' ċirka €1,300 'il waħda.

Hija tikkonferma illi l-kera kienet ta' madwar €1,000 fix-xahar. In oltre, mitluba tispjega kif kienet tlaħħaq mall-ħlas tal-kera, l-imputata tgħid illi żewġha kellu kumpanija ġewwa l-Ungerija u li minnha kull ġimgħatejn, huwa kien jipperċepixxi ntrojtu ta' madwar €350 jew €400, li huma kellhom xi flus imwarrbin ġewwa l-Ungerija miż-żmien li kienu jgħixu l-Kanada, u li hija kienet tibgħat flus barra minn Malta sabiex tgħin lill-familjari. Tgħid ukoll illi meta marret ma' CD sabiex tkellem lil sid l-appartament dwar il-*water heater*, hija ma qgħaditx iddur fil-post biex tara x'fih u għalhekk ma setgħetx tagħraf jekk dan kienx l-istess post fejn ittieħdu r-ritratti msemmija qabel. Tgħid illi hija kellmet lil sid il-post bl-Ingliż, allavolja ma tantx taf titkellem bl-Ingliż. Dwar AB, tgħid illi kienet hi u mhux żewġha li ltaqgħet ma' AB l-ewwel darba, illi AB kienet għaddiet minn *pimp* għal ieħor meta kellha tmintax jew dsatax-il sena, u li hi ma kinitx tafha dak iż-żmien. Tinnega li ħallset xi flus għaliha u tgħid li hi kienet qegħda biss tgħinha. Tgħid in oltre illi CD taf titkellem bl-Ingliż ftit aħjar minn AB, "*imma rigward jekk jafux jiktbu jew jitkellmu bl-Ingliż hi just tassumi*".[40] Tiċħad li kienet hi li kitbet ir-riklam li jidher a fol. 275 tal-proċess, u dwar il-*mobile phones*, mitluba tispjega għaliex kellha erbgħa, hija tgħid illi kellha biss tnejn u li l-erbgħa li semmiet qabel fl-eżami tagħha, kienu tnejn li jappartjenu lilha, wieħed lil Robert, u ieħor lil Vannessa. Hija tiċħad li kienu jipperċepixxu xi parċella mill-introjtu ta' CD u AB, għajr il-ħamsin ewro li semmiet, u li l-flus kienu jinżammu minn CD u AB, tant illi tgħid l-imputata, il-pulizija ma kinux sabu flus fid-dar tagħhom waqt it-tfittxija li saret.

**<u>In ri-eżami</u>** l-imputata tiċħad illi hija kienet tħaddem lil CD u lil AB.[41]

---

[40] Ara a fol. 459 tal-proċess.

[41] Ara din ix-xhieda a fol. 434 sa 461 tal-proċess. Ara wkoll id-dokumenti esebiti mill-imputata konsistenti f'kopja tad-deċiżjoni tar-*Refugee Protection Division* ġewwa l-Kanada tad-19 ta' Frar 2013, a fol. 462 sa 484 tal-proċess u kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti Federali, Toronto, Ontario tal-10 ta' Ottubru 2014, a fol. 485 sa 494 tal-proċess.

26. **Joseph Saliba** in rappreżentanza ta' Jobs Plus esebixxa l-istorja tal-impjieg tal-imputata Robert Attilane Majlat, mil-liema jirriżulta illi l-impjieg tagħha bħala *cleaner* beda fit-23 ta' Ottubru 2017 u ġie terminat fl-20 ta' Diċembru 2017.[42]

27. L-imputat **Robert Attila Majlat** ukoll għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid li żżewweġ lill-imputata Robert Attilane Majlat fl-10 ta' April 2010 u li kien fl-istess sena meta, flimkien ma' bint martu EF, huma vjaġġaw lejn il-Kanada, fejn talbu għal stat ta' refuġjati. Din it-talba tagħhom ma ntlaqgħetx u f'Jannar 2015 kienu kostretti jitilqu mill-Kanada u reġgħu lura lejn l-Ungerija, fejn wara ġimgħa vjaġġaw lejn l-Ingilterra. Hemmhekk damu madwar sena u erba' xhur jew sena u nofs. Għall-ħabta ta' Mejju jew Ġunju tas-sena 2016, kienu ltaqgħu ma' AB u CD. Jispjega illi attwalment kienet l-imputata Anico li ltaqgħet ma' AB u li la qabel u lanqas wara dan, huwa qatt ma kellu xi involviment magħha. CD dak iż-żmien kienet qegħda tgħix ma' raġel u kienet tqila, b'dan illi hija rritornat lura l-Ungerija, fejn welldet it-tarbija li ttieħdet mill-kustodja tagħha. Jgħid ukoll illi f'Ġunju tas-sena 2017 hu, flimkien mal-imputata u EF, ġew Malta u marru jgħixu San Pawl il-Baħar. Isostni li huma baqgħu hawnhekk minn dak iż-żmien u ma marru mkien, sakemm ġie arrestat f'Novembru tal-istess sena. Martu kienet taħdem, iżda huwa kien qed jistenna li jitgħallem ftit il-lingwa sabiex ikun jista' jibda jaħdem ukoll. Madankollu jippreċiża illi peress illi huwa kien jaħdem ma' kumpanija tat-trasport ġewwa l-Ungerija, kellu bilfors jivjaġġa u għalhekk kien imur l-Olanda u Vienna. Fl-appartament ġewwa Triq Efesu, kienu joqogħdu biss hu, martu u EF. Jgħid ukoll illi kemm AB u CD huma prostituti u li din kienet xi

[42] Ara d-dokument esebit a fol. 497 tal-proċess.

ħaġa magħrufa u li dawn minn dejjem kienu jagħmlu dan ix-xogħol u fil-fatt kien għalhekk illi lil CD itteħdulha wliedha, iżda huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan. Jgħid biss illi meta dawn ġew Malta, huma kienu għenuhom isibu akkomodazzjoni u xi kultant kienu jżommu t-tarbija ta' AB, minkejja li jgħid ukoll illi ma jafx x'tip ta' xogħol kienu qegħdin jagħmlu f'Malta. AB kienet titlobhom jieħdu ħsieb it-tarbija tagħha għal ftit sigħat u huma ma kinux jistaqsuha fejn kienet tmur jew x'ħa tagħmel. Jgħid li kienu jżommu t-tarbija madwar ħames darbiet fil-ġimgħa. Jgħid ukoll illi hija kienet tagħtihom il-flus sabiex jieħdu ħsieb it-tarbija tagħha. Dwar dan huwa jgħid li ma kinitx tagħtihom ammont speċifiku, iżda normalment kienet tagħtihom ħamsin ewro fil-ġimgħa, fil-waqt li l-iżjed li qatt tagħthom kien mitt ewro fil-ġimgħa. B'dawn il-flus, huma kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tat-tarbija bħal ħrieqi u AB kienet tiekol mill-ikel li kienet issajjar Anico. L-imputat jinnega illi huwa qatt xtralhom xi ħaġa sabiex jikkontribwixxi għax-xogħol ta' prostituzzjoni. Jinnega li kien ħabib viċin ta' AB jew illi kien hemm xi tip ta' relazzjoni bejniethom, lanqas relazzjoni sesswali u dan fil-waqt li jinnega li huwa kien jaf li AB u CD kienu qed jagħmlu xi reklami. Jgħid illi l-ewwel darba li ra dawn ir-ritratti kien fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jinnega li huwa ħa xi ritratti, għalkemm jgħid li dawn ġieli staqsew sabiex jagħmlu użu mill-*mobile phone* tiegħu u tal-imputata. Ma jiftakarx kemm il-darba tahom il-*mobile phone* tiegħu. Dwar ir-ritratti esebiti a fol. 275 *et seq* tal-proċess, huwa jgħid illi t-tfajliet f'dawn ir-ritratti kienu AB u CD.

**In kontro-eżami** l-imputat jgħid illi huma waslu l-Ingilterra bejn wieħed u ieħor fil-15 ta' Jannar 2015. Mistoqsi jispjega għaliex waqt l-interrogatorju huwa kien stqarr biss li CD kienet miġnuna u li hija relatata mal-imputata, fil-waqt li fl-eżami tiegħu huwa ta storja ta' prostituzzjoni li ma kienx semma qabel, huwa jgħid illi dakinhar kellu biss ħames minuti

sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu, fil-waqt illi issa kien ilu arrestat għal wieħed u għoxrin xahar. Jgħid illi f'Malta huwa ma kienx jaħdem, iżda Anico kienet taħdem u huwa kien involut f'kumpanija ta' transport. Jgħid in oltre li f'Malta ma kinux waslu b'idejhom vojta għaliex hu kien ilu jaħdem il-Kanada għal numru ta' snin, ġemmgħu l-flus u kienu ġabu magħhom madwar seba' jew tmint elef ewro. Jgħid illi kull tant żmien, kien imur l-Ungerija u kien iġib il-flus miegħu, u meta l-familjari tiegħu ġewwa l-Ungerija kienu fil-bżonn kien anke jibgħatilhom il-flus. Jgħid ukoll illi kien hu li kien jieħu ħsieb it-tarbija ta' AB meta l-imputata kienet tkun ix-xogħol. Dwar il-kera tal-appartament minn fejn kienet issir il-prostituzzjoni, huwa jgħid li jaħseb li din kienet titħallas minn AB u CD, u illi peress li AB u CD ma kinux jitkellmu bl-Ingliż, jista' jkun li l-imputata kienet għenithom in konnessjoni mal-kuntratt ta' kera ta' dan l-appartament. Dwar il-*mobile phones* u l-kontenut tagħhom, l-imputat jgħid li fil-ħin ta' l-arrest tagħhom fil-fond kien hemm ukoll AB u CD, u meta ġie indikat lilu li dawn kienu fil-kamra tas-sodda tiegħu, huwa jgħid illi jista' jkun li dawn ħarġu jpejpu jew marru fil-kamra tal-banju u ħallewhom hemm. Iżid jgħid illi huwa ma għandux għarfien tal-lingwa Ingliża u għalhekk ma setax kien hu li kiteb il-messaġġi. Jinnega illi huwa qatt ra lill-imputata tirrispondi telefonati bl-Ingliż. B'referenza għall-istqarrija u dwar min kien joqgħod fl-appartament miegħu u ma' martu, l-imputat jinsisti li AB ġieli raqdet hemmhekk bit-tarbija u kienet tmur ta' spiss, iżda ma kinitx tgħix hemm u mistoqsi jispjega għaliex kien hemm diversi effetti ta' AB fil-kamra fejn kienet torqod EF, huwa jgħid li dan probabbilment għaliex AB ma riditix tieħu lit-tarbija fl-appartament l-ieħor. Jinnega li huwa kien ta struzzjonijiet lil AB u lil CD sabiex iqegħdu l-flus li jaqilgħu mill-prostituzzjoni fil-kexxun tal-komodina tiegħu. Meta ġie suġġerit lilu illi lil CD għamlilha *black eye*, huwa jgħid illi dan kien aċċident, li kien

laqatha bi żball waqt li kienu qegħdin jilagħbu u ma kellu l-ebda intenzjoni li jweġġagħha.[43]

**Ix-xhieda u r-rapporti tal-psikjatra Dr. Ethel Felice**

28. Wara li l-Qorti, kif diversament preseduta, indikat li riedet tisma' lil Dr. Ethel Felice dwar il-kura li ngħatat AB u l-qagħda tagħha fiż-żmien in kwistjoni[44], u ħatret lill-istess Dr. Felice sabiex tħejji rapport dwar il-kundizzjonijiet ta' CD u l-posizzjoni tagħha fl-istess żmien – u dan sabiex il-Qorti tiddeċiedi dwar it-talba tad-difiża illi tkompli bil-kontro-eżami ta' AB u tagħmel il-kontro-eżami ta' CD[45] - Dr. Felice ippreżentat ir-rapporti tagħha dwar il-kundizzjoni psikjatrika u l-istat mentali taż-żewġ allegati vittmi.[46]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta illi l-imputati Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat, it-tnejn ta' nazzjonalita` Ungeriża, iżżewġu lil xulxin fis-sena 2010. Jirriżulta wkoll illi sa minn qabel iż-żwieġ tagħhom, l-imputata Robert Attilane Majlat kellha wild ossia lil EF, u dan minn relazzjoni preċedenti li hija kellha ma' terza persuna. Jirriżulta in oltre illi ftit xhur wara ż-żwieġ tagħhom, l-imputati flimkien mal-minuri EF, vjaġġaw lejn il-Kanada, fejn jirrisjedu diversi qraba tal-imputat, u hemmhekk mal-wasla tagħhom, huma talbu li jottjenu stat ta' refuġjati. Din it-talba tagħhom ġiet eventwalment miċħuda u f'Jannar tas-sena 2015, l-istess imputati ġew deportati mill-Kanada u rritornaw lura lejn l-Ungerija. Wara li qattgħu żmien qasir ġewwa l-Ungerija, għal darb'oħra flimkien mal-

[43] Ara din ix-xhieda a fol. 499 sa 519 tal-proċess.
[44] Ossia fi Frar tas-sena 2019.
[45] Ara l-verbal a fol. 393 tal-proċess
[46] Ara r-rapport a fol. 400 sa 405 dwar AB u r-rapport esebit a fol. 412 sa 416 tal-proċess dwar CD.

minuri EF, huma vjaġġaw lejn Bradford, ġewwa l-Ingilterra, fejn kienu jirrisjedu xi qraba tal-imputat, iżda wara vjaġġaw lejn l-Olanda. Jirriżulta wkoll illi għal xi xhur fis-sena 2016 dawn ġew Malta, flimkien ma' AB, iżda wara reġgħu vjaġġaw lejn l-Olanda. Sussegwentement, għall-ħabta ta' Ġunju 2017, l-imputata Robert Attilane Majlat flimkien ma' CD u ċertu Gabriella, vjaġġaw lejn Malta, fil-waqt li l-imputat Robert Attila Majlat, AB u EF vjaġġaw lejn l-Ungerija sabiex jiġu ndirizzati xi formalitajiet fir-rigward tat-tarbija li kienet fil-frattemp twieldet lil AB, b'dan illi anke xi ftit wara, dawn ukoll vjaġġaw lejn Malta u ngħaqdu mal-oħrajn.

Illi mill-atti jirriżulta wkoll illi kemm CD, kif ukoll AB kienu jeżerċitaw il-prostituzzjoni, u dan sa miż-żmien qabel il-wasla tagħhom f'Malta. Dawn ir-riżultanzi mhumiex kontradetti.

L-istejjer ta' CD u AB huma mbagħad stejjer individwali. Mix-xhieda tagħha, jirriżulta illi AB kienet ilha soġġetta għall-prostituzzjoni minn meta kellha tmintax il-sena, u dan taħt il-kontroll ta' diversi persuni, wara li din tkeċċiet mid-dar ta' ommha. Hija tallega illi fiż-żmien li kien jgħix l-Ingilterra, l-imputat Robert Attila Majlat ħadha taħt il-kontroll tiegħu, mill-kontroll ta' persuna oħra u kompla jħaddimha fid-diversi pajjiżi li skont hi, kienu jżuru flimkien, fosthom l-Ingilterra, l-Olanda u anke Malta. Hija tgħid illi l-istess imputat kien fil-fatt vjaġġa lejn l-Ungerija, minn fejn ħadha. Tgħid ukoll illi hija kienet timxi mal-imputati kull fejn dawn kienu jivjaġġaw, u li kienu l-istess imputati li kienu jipprovdu għall-ivjaġġar tagħha.

Din il-verżjoni hija madanakollu kontradetta mill-imputati. L-imputata Robert Attilane Majlat essenzjalment tgħid illi hija kienet itlaqgħet ma' AB fit-toroq ta' Bradford, ġewwa l-Ingilterra, meta din kienet fi stat ħażin ferm u li kienet talbet l-għajnuna tagħha. Skont hi, dak iż-żmien kienet provditilha biss numru ta' xi

nies li setgħu jgħinuha, iżda baqgħet f'kuntatt magħha u sussegwentement din reġgħet talbitha l-għajnuna wara li kellha t-tarbija u kien hawn li AB ġiet Malta, fejn skont hi, baqgħet tgħinha. Tgħid l-imputata fil-fatt illi AB kienet tiġi minnha mill-bogħod, għalkemm qabel iltaqgħet magħha ġewwa l-Ingilterra, kienet ilha ma taraha ħafna. Dwar AB, l-imputat Robert Attila Majlat ftit li xejn jgħid, u jillimita ruħu billi jispjega illi kienet martu l-imputata li kienet iltaqgħet magħha u li kienet offritilha l-għajnuna. Skond l-imputati, huma kienu jieħdu ħsieb it-tarbija ta' AB f'Malta sakemm din tkun barra mir-residenza, u li għal dan kienet tħallashom somma ta' madwar ħamsin ewro fil-ġimgħa. Minkejja li entrambi l-imputati jgħidu li jafu li AB kienet teżerċita l-prostituzzjoni, huma jgħidu li ma kellhomx għarfien dwar dak li kienet tagħmel f'Malta. Fix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri, l-imputati anke jiċħdu illi AB kienet tgħix magħhom fl-appartament fi Triq Efesu, San Pawl il-Baħar.

Da parti tagħha, CD tispjega illi hija omm ta' diversi tfal li kienu *fostered* ġewwa l-Ungerija. Tgħid illi l-imputati wegħduha ħajja tajba f'Malta, u li peress illi kienet sejra ttejjeb ħajjitha kien ser terġa' tingħaqad mat-tfal tagħha. L-imputati jgħidu illi l-Istat Ungeriż kien ħa t-tfal mill-kustodja ta' CD proprju għaliex din kienet tipprostitwixxi ruħha. CD tgħid madanakollu illi hija sfat sfruttata mill-imputati li kienu anke jimmaltrattawha u li hija kienet magħhom anke ġewwa l-Olanda fejn kienet teżerċita l-prostituzzjoni.

Kemm AB, kif ukoll CD għalhekk jgħidu illi l-imputati kienu ħadu b'kera appartament fi Triq San Ġilormu, San Pawl il-Baħar, liema appartament kien iservi bħala post minn fejn jeżerċitaw l-attivita` tal-prostituzzjoni. Skont CD dan l-appartament kien ittieħed b'kera meta waslu Malta għall-ħabta ta' Ġunju 2017 l-istess CD, l-imputata u Gabriella, u ċioe` qabel il-wasla f'Malta tal-imputat, EF u AB bit-tarbija tagħha. Kemm CD, kif ukoll AB jixhdu illi peress illi l-imputata

Robert Attilane Majlat kellha għarfien tal-lingwa Ingliża, hija kienet tieħu ħsieb li tipprepara r-riklami *online*, kif ukoll illi tikkomunika u tiftiehem mal-klijenti dwar ħin, lok, prezz u servizz li kellhom jipprestaw AB u CD. Skont huma anke r-ritratti li jidhru abbinati mar-riklami li permezz tagħhom huma joffru li jipprestaw s-servizzi sesswali, ittieħdu minn Robert Attilane Majlat, minkejja li dan ġie miċħud mill-ko-imputati li jinnegaw li huma qatt kellhom xi nvolviment fil-prostituzzjoni eżerċitata minn AB u CD. In oltre kemm AB, kif ukoll CD jixhdu illi l-flus kollha li huma kienu jipperċepixxu mill-prostituzzjoni, kienu jgħadduhom lill-ko-imputati – skont AB, hija kienet tgħaddi l-flus li kienet taqla' lill-imputat u skont CD, hija kienet tgħaddi dawn il-flus lill-imputata - b'dan illi dawn kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom.

Jirriżulta imbagħad mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni illi l-investigazzjonijiet rigward l-imputati nibtet minn informazzjoni li l-pulizija rċeviet mingħand l-awtoritajiet Ingliżi. Jirriżulta għalhekk illi l-pulizija kienet osservat illi mill-appartament fi Triq Efesu, fil-ġranet tal-osservazzjoni, kienet daħlet u ħarġet diversi drabi waħda minn dawn it-tfajliet. Jirriżulta wkoll illi kien nhar l-14 ta' Novembru 2017 li l-pulizija, fuq skorta ta' mandat, aċċedew fil-fond fi Triq Efesu, fejn sabu lill-imputati, lill-minuri EF, lil AB u t-tarbija tagħha u lil CD, u minn hemmhekk, mill-kamra tas-sodda ta' l-imputati, ġew elevati numru ta' *mobile phones*. Jirriżulta wkoll illi fl-istess jum il-pulizija aċċediet fl-appartament fi Triq San Ġilormu, ossia dik li ġiet deskritta minn AB bħala d-dar tax-xogħol, minn fejn ġew elevati diversi oġġetti li jagħtu indikazzjoni ċara tal-użu li kien qiegħed isir minn dan l-appartament, liema oġġetti jinkludu abbiljament intimu, kontraċettivi u żjut.

Illi l-Prosekuzzjoni stabbiliet tramite x-xhieda ta' Constantin-Dan Cosma, Osmar Yasmin Abdikarin u Carmel Dimech illi AB u CD kienu tassew offrew servizzi sesswali u, fil-każ ta' Cosma u Abdikarin, dawn irrendewlhom servizzi sesswali

bi ħlas. In oltre illi kemm CD, kif ukoll AB kienu joffru dawn is-servizzi jirriżulta wkoll ampjament mid-dokumenti Dok. RG 1 u RG 2 esebiti mill-Prosekuzzjoni, f'liema dokumenti jidhru ż-żewġ tfajliet, li anke l-ko-imputat Robert Attila Majlat fix-xhieda tiegħu, jikkonferma li huma proprju AB u CD. Fi kwalunkwe każ, hemm qbil kemm min-naħa l-waħda da parti ta' AB u CD, kif ukoll min-naħa l-oħra da parti tal-ko-imputati, illi l-istess AB u CD kienu jeżerċitaw il-prostituzzjoni u li kienu ilhom jagħmlu dan anke barra minn Malta.

Tenut kont li dan jirriżulta sodisfaċentement ippruvat, dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi dwaru huwa l-involviment o meno tal-imputati f'din l-attivita` ta' AB u CD u dan dejjem naturalment fil-parametri tal-artikoli tal-liġi mertu tan-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi r-riassunt hawn fuq riprodott m'huwiex għajr sintesi tal-assjem tal-provi li, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrappreżenta l-isfond fattwali li l-Qorti trid tittratta b'rabta mal-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputati. Il-Qorti qegħda tagħmel din l-osservazzjoni mhux kapriċċjożament, iżda għaliex l-atti ta' din il-proċedura huma karatterizzati minn kunflitt ta' prova, liema kunflitt irid jiġi riżolt minn din il-Qorti favur jew altrimenti kontra l-imputati.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi fil-waqt illi l-verżjonijiet mogħtija minn AB u CD huma opposti għall-verżjonijiet mogħtija mill-ko-imputati, biss fil-maġġor parti, il-verżjoni ta' AB hija kompatibbli ma' dik mogħtija minn CD. Fil-waqt illi AB u CD jinsistu illi huma sfaw vittmi ta' traffikar ta' persuni għal skopijiet ta' prostituzzjoni, id-difiża ssostni li dawn l-allegazzjonijiet m'għandhomx mis-

sewwa u illi mix-xhieda tal-istess ko-imputati jirriżulta illi dawn ma kellhom l-ebda involviment fil-prostituzzjoni li kienu jeżerċitaw minn jeddhom AB u CD.

Dawn iċ-ċirkostanzi mhumiex ċirkustanzi eċċezzjonali, iżda għall-kuntrarju, il-Qrati jiġu ta' spiss rinfaċċjati b'verżjonijiet kunfliġġenti. Dan kien ukoll il-każ fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs *omissis*, Paul Ellul, *omissis*** deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Settembru 2006, f'liema proċeduri l-fatti kienu simili ferm għal dawk li għandha din il-Qorti quddiemha llum. Trattandosi ta' kunflitt ta' provi, il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Prosekuzzjoni qed issostni li l-imputati kienu qed igibu nisa ta' nazzjonalita` barranija sabiex jipprostitwixxu ruhhom u mbaghad jghixu minn fuq il-qliegh taghhom u dik tal-imputati li jichdu din l-allegazzjoni u jghidu li n-nisa barranin kienu hbieb tal-imputata* [omissis] *u li fil-fatt l-imputat* [omissis] *kellu relazzjoni ma' wahda minnhom.*
>
> *Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita` tax-xhieda u cioe` fuq dak li ddeponew ix-xhieda kemm tal-Prosekuzzjoni kif wkoll tal-imputati waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.*
> *Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn u cioe` jew li l-imputati qed jghidu l-verita` jew ma humiex. Pero` fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-imputati mhux hatja tad-delitt imputat lilhom, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghhom speci ta' kongura minn persuni biex jaddebitaw delitti li ma kkommettewx."*

F'dan il-kuntest, il-Qorti qegħda tagħmel referenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Settembru 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**, u ċioe` illi:

> *"meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti ... jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor."*

Illi huwa prinċipju bażiku tal-liġijiet penali illi t-tragward li għandu jintlaħaq jew li għandu jiġi sorpassat sabiex tiġi stabbilita ħtija jipprexindi mill-prinċipju kardinali dwar il-presunzjoni tal-innoċenza tal-persuna akkużata. Hija din ir-raġuni għaliex il-leġislatur naqqax fil-liġijiet proċedurali diversi regoli li għandhom l-għan, fl-ewwel lok, li jipproteġu l-akkużat minn deċiżjonijiet arbitrarji jew dubjużi, u fit-tieni lok, li jipproteġu l-interessi tas-soċjeta` in ġenerali bl-erogazzjoni ta' pieni fil-konfront ta' dawk li jkunu ħatja ta' ksur tal-liġijiet penali.

Waħda minn dawn ir-regoli titratta d-dritt tas-silenzju tal-persuna sa mill-istadju inizzjali ta' l-investigazzjoni, li għalhekk tista' tinqara mar-regola korrolari għaliha u ċioe` dik illi l-prova tal-fatti allegati tispetta lill-Prosekuzzjoni. Hekk jafferma **Manzini** f'dan ir-rigward:

*“il cosi’ detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit.”*[47]

Regola proċedurali daqstant ieħor valevoli hija dik illi sabiex l-imputat jiġi dikjarat ħati, l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu għandha tiġi ppruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli u ċioe` oltre kull dubju dettat mir-raġuni, li jfisser għalhekk illi kwalunkwe dubju raġjonevoli dwar il-ħtija għandu jmur favur il-persuna imputata.

Dak li in tema legali jikkostitwixxi dubju raġjonevoli kien ukoll mertu ta’ diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, li f’diversi okkażżjonijiet għamlu referenza għat-tagħlim tal-Imħallef eminenti Ingliż Lord Denning fil-proċeduri fl-ismijiet **Miller v. Minister of Pensions**[48]:

*“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of doubt. The law would fail the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ‘of course it is possible but not in the least probable’, the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of this will suffice.”*

Huma dawn ir-regoli fundamentali illi l-Qorti trid iżżomm f’moħħha u timxi magħhom f’kull każ, inkluż meta rinfaċċjata b’verżjonijiet opposti u kunfliġġenti u f’każijiet bħal dawn għalhekk, il-Qorti mhijiex neċessarjament tenuta illi tiddisponi mill-kawża billi tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Kif ġie rilevat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3

[47] *Manuale di Diritto Penale*, Vol. III, Kap. IV, paġna 234, (1890).
[48] 1974 - 2 ALL ER 372

ta’ Ottubru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti</u>**, min ikun fi ħsiebu jwettaq reat mhux biss jagħmel minn kollox sabiex ma jesponix lilu nnifsu, iżda talli jagħmel minn kollox sabiex jittenta jeħles mir-responsabbilta` għall-aġir kriminuż tiegħu. Il-Qorti, b’rabta ma’ dan, tagħmel referenza għas-segwenti insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta’ Mejju 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>:**

> *“It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Ġie ulterjorment ribadit illi l-evalwazzjoni tal-provi għandha ssir b’mod integru, u għalhekk mhux b’mod spezzettat. Fis-sentenza tagħha tal-11 ta’ Jannar 2019, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta’ Malta vs *Omissis*</u>,** il-Qorti Kriminali irriteniet illi:

> *“...l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b’mod spezzettat w individwali (kif ukoll tajjeb osservat id-difiza) izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista’ jaghti lil dawk il-provi hemm interpretati.*
>
> *Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta’ htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dan hu kumment li ghadda l-avukat difensur fil-kontro-replika fis-sens li kull eventwalita` ghandha tigi meqjusa u mistharrga fit-totalita` tal-kaz. Dawn l-eventwalitajiet ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif*

*ukoll komplessivament. Naturalment pero mhux in a vacuum izda in konnessjoni mal-allegat fatt ma xhiex ikunu marbuta."*

Magħduda mal-provi diretti, u għar-raġunijiet esposti, jassumu wkoll relevanza partikolari l-provi indizzjarji, li wkoll jidħlu fl-assjem tal-provi li l-Qorti trid tikkunsidra sabiex tevalwa l-ħtija o meno tal-persuna akkużata. Fis-sentenza appenna ċitata, il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Jannar 2016, f'liema sentenza, b'rabta mal-kunsiderazzjoni in diżamina, saret referenza għall-indirizz tal-Imħallef lill-ġurati li tenna hekk:

*"ir-raba' tip ta' prova [...] hija circumstantial evidence. [...] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-circumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-*circumstantial evidence*. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."*

Dan sakemm, kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Awwissu 1959, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paolo Farrugia** illi:

*"L-prova (...) tkun sħiħa u soddisfaċenti".*

Magħmula il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt *supra*, jeħtieġ illi l-Qorti tidderiġi ruħha b'dak li l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**:

*"Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix trid temmnu jew ma temmnux."*

Il-Qorti tagħlaq dawn il-kunsiderazzjonijiet billi tagħmel referenza għall-sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2019, fl-ismijiet **The Police vs Yilmaz Azlan**, li fin-natura tagħha tixbaħ lil dik tal-lum, fejn ingħad hekk minn dik il-Qorti:

*"The court is guided by article 637 of the Criminal code when appreciating the evidence given by a witness namely that regard being must be given to the demeanor, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case. Thus the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behavior and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was*

*said by the same witness earlier on if for example he himself ... makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him. A judge can believe a witness in whole, in part or not at all."*

**Ikkunsidrat ukoll:**

**L-Ewwel Imputazzjoni - Traffikar ta' Persuni**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputati qegħdin jiġu akkużati bir-reat ta' traffikar ta' persuni kontemplat fis-Sub-Titolu VIII *Bis* tat-Titolu VIII tat-Tieni Taqsima ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar reati ta' din in-natura, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2019, fl-ismijiet **The Police vs Yilmaz Azlan** irriteniet illi:

*"Human Trafficking is a global phenomenon which has been in existence for decades. Particularly since the coming into force of the United Nations and the European Union, international institutions and bodies have really considered the gravity of this problem and taken it in their stride to combat this problem. Moreover, during the last decade experts have determined that the human trafficking problem is the most fast-growing activity amongst those associated with organised criminality and hence it is clear that concrete action must be adopted to fight it. Since*

*human trafficking easily adapts to global progress, it is essential to re-address the offence from time to time in order to make the necessary amendments and take the necessary steps to keep in line with its modification and development.*[49]

*Trafficking in human beings is considered one of the most serious crimes worldwide, a gross violation of human rights, a modern form of slavery, and an extremely profitable business for organised crime. In fact it has even been defined by the United Nations as a universal offence. It consists of the recruitment, transfer or receipt of persons, carried out with coercive, deceptive or abusive means, for the purpose of exploitation including sexual exploitation, forced labour, domestic servitude or other forms of exploitation. Therefore, the response to trafficking must be robust, and aimed at preventing and prosecuting the crime whilst protecting its victims.*"

Illi l-isfond għall-introduzzjoni fil-liġi domestika tar-reati marbuta mat-traffikar ta' persuni u l-emendi sussegwenti ġew ukoll imfissra fis-sentenza appena ċitata:

*"The sections at law regarding the trafficking of Persons under Act III of 2002 were discussed in the course of the Parliamentary debate held on the 6th March 2002.*[50] *During this meeting the Minister of Justice at the time Dr. Tonio Borg gave an explanation as to the reasons behind the introduction of these provisions and insisted on the need to introduce this offence in our law to reflect what was happening in the world. This need appeared even more apparent in*

---

[49] Il-Qorti hawnhekk kienet qegħda tirreferi għal *Maltese Criminal Law on Human Trafficking,* Dr Lara Lanfranco.
[50] Kamra tad-Deputati, Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozz ta' Liġi, Rapport Uffiċjali, Id-Disa' Parlament, Laqgħa nru. 131, l-Erbgħa 6 ta' Marzu 2002.

*the light of the United Nations Convention against Transnational Organised Crime to which Malta was a signatory, and which was accompanied by the Human Trafficking Protocol...".*

Fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daswani Harish**[51], din il-Qorti kif diversament preseduta, għamlet referenza partikolari għal dak li ingħad mill-Ministru Dr. Tonio Borg waqt il-Laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozz ta' Liġi tas-6 ta' Marzu 2002 u partikolarment għas-segwenti fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawn il-liġijiet fil-liġi domestika:

*"Mr Chairman, din il-klawsola ġdida qiegħda tiġi ntrodotta minħabba l-Konvenzjoni ta' Palermo u ż-żewġ protokolli tagħha. Fil-15 ta' Diċembru tas-sena 2000 il-gvern iffirma l-Konvenzjoni ta' Palermo tal-United Nations kontra t-transnational organised crime kif ukoll iż-żewġ protokolli li hemm magħha. L-ewwel protokoll huwa kontra t-traffikar tan-nisa u tfal għal skopijiet ta' prostituzzjoni, skjavitu` jew trasferiment ta' organi, u t-tieni protokoll kontra l-immigrazzjoni illegali u l-isfruttament ta' l-immigranti illegali."*[52]

L-Artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla t-traffikar ta' persuna tal-eta` bil-għan li tiġi sfruttata fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fil-għoti ta' servizzi, ġie introdott bis-saħħa tal-Att III tas-sena 2002 u ġie sussegwentement emendat bl-Att VII tal-2010, bl-Att XVIII tas-sena 2013 u bl-Att XIII tas-sena 2018. Permezz tal-aħħar emendi tas-sena 2018, u għalhekk wara ż-żmien li għalih

[51] L-appell minn din is-sentenza ġie deċiż nhar l-1 ta' Settembru 2020.
[52] Paġna 10 tad-dibattiti Parlamentari dwar l-Att III tal-2002, Kumitat Permanenti Għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, Laqgħa Nru 131, 6 ta' Marzu 2002.

jirreferi l-każ odjern, il-piena minima għar-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-liġi, applikabbli wkoll għar-reat fl-Artikolu 248B li jikkontempla t-traffikar ta' persuna tal-eta` bil-għan li tiġi sfruttata *inter alia* għall-prostituzzjoni, żdiedet minn erbgħa għal sitt snin priġunerija.

L-Artikolu 248B, introdott ukoll bl-Att III tal-2002, ġie emendat darba biss bis-saħħa ta' l-Att XVIII tal-2013 meta, bis-saħħa ta' l-istess emendi, l-għan ta' l-isfruttament ġie estiż sabiex jinkludi *'forom oħra ta' sfruttament sesswali'*.

L-Artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, u għalhekk wara l-emendi bl-Att XVIII tas-sena 2013, kien jaqra hekk:

> *(1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), jittraffika persuna tal-eta` bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata:*
>
> *(a) fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi; jew*
> *(b) fil-jasar jew prattiċi simili għall-jasar; jew*
> *(c) fl-iskjavitu` jew xogħol furzat; jew*
> *(d) f'attivitajiet assoċjati mal-elemosina; jew*
> *(e) f'xi attivitajiet oħra illegali mhux speċifikatament provduti imkien f'dan is-sub-titolu,*
>
> *jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erbgħa sa tnax-il sena.*
>
> *Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu sfruttament jinkludi li persuna tiġi meħtieġa tipproduċi oġġetti u tipprovdi servizzi taħt kundizzjonijiet u f'ċirkostanzi li jmorru kontra standards fil-kamp*

*tax-xogħol li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, pagi u s-saħħa u s-sigurta`.*

*(2) Il-mezzi li għalihom hemm riferenza fis-subartikolu (1) huma dawk li ġejjin:*

*(a) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;*
*(b) qerq jew ingann;*
*(c) użu ħażin tal-awtorita`, influenza jew pressjoni;*
*(d) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna oħra;*
*(e) abbuż ta' poter jew pożizzjoni ta' vulnerabbilta`:*
*Iżda f'dan il-paragrafu "pożizzjoni ta' vulnerabbilta`" tfisser sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata ma jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħha għall-abbuż involut.*

*(3) Il-kunsens ta' vittma ta' traffikar jew ta' sfruttament, kemm jekk maħsub jew fattwali, ma jkunx relevanti fejn kwalunkwe mezz kif stabbilit fis-subartikolu (2) ikun ġie użat.*

Wara l-imsemmija emendi tas-sena 2013, l-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali kien u għadu jaqra hekk:

*Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-eta` bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom oħra ta'*

*sfruttament sesswali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1).*

L-Artikolu 248E tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, li jipprovdi t-tifsira tal-espressjoni 'jittraffika persuna' jew 'jittraffika minuri', u li ġie emendat diversi drabi, bl-aħħar emenda dik permezz tal-Att XXVIII tas-sena 2016, u għalhekk qabel iż-żmien mertu tal-każ odjern, jaqra hekk fis-sub-artikolu (1) tiegħu:

*F'dan is-sub-titolu, l-espressjoni "jittraffika persuna" jew "jittraffika minuri" tfisser ir-reklutaġġ, transport, bejgħ jew trasferiment ta' persuna, jew ta' minuri, skont kif jista' jkun il-każ, inkluż il-ħabi ta' dik il-persuna, jew tal-minuri, li wara tiġi riċevuta u jkun hemm bdil jew trasferiment ta' kontroll fuq dik il-persuna, jew fuq il-minuri, u tinkludi kull għemil li jiffaċilita id-dħul, transit, residenza fi jew ħruġ mit-territorju ta' xi pajjiż għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu, skont kif jista' jkun il-każ.*

**Ikkunsidrat ukoll:**

Din il-Qorti tibda billi tosserva dwar l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati, illi fiċ-ċitazzjoni odjerna, il-Prosekuzzjoni tagħmel referenza għall-Artikoli 248A, 248B u 248D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-waqt illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għall-Artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B u 248E(1) ta' l-istess Kapitolu 9.

Sabiex jiġu stradati aħjar il-kunsiderazzjonijiet li jsegwu, il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi l-Artikolu 248A jittratta r-reat dwar traffikar ta' persuna tal-eta`, bil-għan li tiġi sfruttata għal wieħed jew aktar mill-għanijiet imsemmija fil-

paragrafi (a) sa (e) tas-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu. L-għan tal-isfruttar imsemmi fl-Artikolu 248A(1)(a), u ċioe` dak indikat fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u anke fil-kliem tal-ewwel imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna, huwa dak tal-produzzjoni ta' oġġetti jew għoti ta' servizzi. Is-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 248A, imbagħad, jirreferi għall-mezzi li jkun għamel użu minnhom il-ħati fl-eżekuzzjoni tad-delitt, liema mezzi jinkludu l-vjolenza, t-theddid, inkluż is-serq ta' persuna, il-qerq jew l-ingann, l-użu ħażin ta' awtorita` influenza jew pressjoni, l-otteniment tal-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll ta' persuna oħra kontra ħlas jew benefiċċji, jew, l-abbuż ta' poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabbilta` tal-vittma tar-reat. Dawn il-mezzi huma, bis-saħħa tal-Artikolu 248B, applikabbli wkoll għar-reat hemmhekk ikkontemplat, u ċioe` r-reat tat-traffikar ta' persuni ta' eta` bil-għan illi jiġu sfruttati għall-prostituzzjoni jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, fosthom f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku.

Il-Qorti tikkunsidra, imbagħad illi t-tielet sub-artikolu tal-Artikolu 248A jirrigwarda l-kunsens tal-vittma ta' traffikar jew sfruttament fejn ikun ġie użat wieħed mill-mezzi ndikati fis-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu, l-Artikolu 248D jindika l-piena fil-każ ta' traffikar ta' minuri għall-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 248A sa 248ĊA, filwaqt li l-Artikolu 248E jikkontempla dispożizzjonijiet ġenerali, fosthom it-tifsira tal-kelma 'traffikar' u ż-żieda fil-piena fl-eventwalita` li jirriżultaw wieħed jew iktar miċ-ċirkostanzi aggravanti hemmhekk imsemmija.

Mill-kunsiderazzjonijiet appena magħmula jirriżulta illi l-Artikoli 248A u 248B jippostulaw żewġ reati distinti wieħed mill-ieħor in kwantu r-raġuni tal-isfruttar hija differenti fiż-żewġ artikoli tal-liġi u dan anke kif jirriżulta ampjament min-noti marġinali tal-istess żewġ artikoli. Il-Qorti tinnota illi fl-ewwel imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna, il-Prosekuzzjoni tirreferi għat-traffikar ta' AB u CD bil-

għan li dawn jiġu sfruttati fl-għoti tas-servizzi u addizzjonalment bl-użu tal-kliem "*kif ukoll*" imbagħad issir referenza għall-prostituzzjoni bħala għan ieħor tat-traffikar tal-istess persuni. Mill-eżami tagħha tal-provi f'dan il-każ, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda servizzi oħrajn għajr għal dawk ta' natura sesswali. Għalhekk, ir-reat li għandu jiġi kkunsidrat u li huwa applikabbli fil-każ odjern mhuwiex dak ikkontemplat fl-Artikolu 248A, iżda fl-Artikolu 248B tal-Kapitolu 9, salv naturalment għar-referenza li ssir għall-Artikolu 248A mill-istess Artikolu 248B.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Grima** u partikolarment għas-segwenti bran mislut mill-istess sentenza:

> *"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-kaz ta'* [*omissis*] *ma jaqax taht l-artikolu 248A imma se mai jista' jaqa' taht l-artikolu 248B. Dan ghaliex, trattandosi ta' traffikar ghal skop ta' prostituzzjoni mhux il-kaz li* [*omissis*] *giet mehtiega li tipprovdi xi servizz taht kondizzjonijiet u f'cirkostanzi li jmorru kontra "standards fil-kamp tax-xoghol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xoghol, pagi u sahha w sigurta'". Sa fejn taf din il-Qorti, ma hemm ebda Wage Regulation Order jew Wages Council Order ghall-prostituti jew xi standards ta' xoghol ghal din it-tip ta' attivita`. Apparti dan hawn kellna l-kaz ta' persuna li giet Malta konsapevolment u bl-intenzjoni u skop dikjarat ta' prostituzzjoni jew, kif tpoggiha ewfemistikament, biex tipprovdi "sexual services". Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk jonqos zgur l-element ta' sfruttament kif defenit fl-artikolu 248A u li hu element kostituttiv tar-reat kontemplat fl-artikolu citat mill-Avukat Generali."*

Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Settembru 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Ellul**:

> *"L-artikolu 248A tal-Kap. 9 jittratta dwar it-traffikar ta' persuni ta' l-eta` bil-ghan li jigu sfruttati "fil-produzzjoni ta' oggetti jew fil-ghoti ta' servizzi". Dan il-kaz jirrigwarda l-prostituzzjoni ta' nisa barranin, inkluz it-traffikar taghhom. Huwa l-artikolu 248B tal-Kap. 9 li jipprovdi dwar it-traffikar ta' persuni ghall-prostituzzjoni. Ghalhekk l-artikolu 248A tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli u, mill-provi, ma jirrizulta bl-ebda mod. Kwindi l-ewwel aggravju huwa milqugh."*

Illi ġialadarba l-kwadru tal-fatti u tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni juri illi l-għan tal-allegat traffikar u sfruttament, kif ingħad, kien il-prostituzzjoni, u peress li jirriżuta illi materjalment AB u CD irrendew biss servizzi ta' natura sesswali u mhux ta' natura oħra, il-Qorti tqis illi f'dan il-każ ma jsibx applikabilita` l-Artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi dawn il-Qrati kellhom diversi opportunitajiet sabiex jeżaminaw b'mod dettaljat l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tikkunsidra dawn l-elementi, u sussegwentement tevalwa l-provi li għandha quddiemha b'rabta mar-rekwiżiti formali u materjali li jikkostitwixxu r-reat hemmhekk ikkontemplat.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Domenic Grixti**, fejn bħal fil-każ odjern kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 248A kif emendati permezz tal-Att XVIII tas-

sena 2013, qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tas-sena 2018, ġie ribadit kif isegwi dwar it-tlett elementi li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248A, liema elementi huma wkoll applikabbli għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B:

> *"In order to establish guilt under Article 248A all the elements of this crime must subsist cumulatively and therefore what the Court will now outline are the elements of this crime namely:*
>
> ***1. Any person whoever they may be****;*
>
> ***2. Using any of the following means****:*
>
> *(a) violence or threats, including abduction;*
> *(b) deceit or fraud;*
> *(c) misuse of authority, influence or pressure;*
> *(d) the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of the person having control over another person;*
> *(e) abuse of power or of a position of vulnerability: Provided that in this paragraph 'position of vulnerability' means a situation in which the person concerned has no real or acceptable alternative but to submit to the abuse involved.*
>
> ***3. Trafficks a person****."*

Hawnhekk il-Qorti imbagħad għamlet referenza għat-tifsira ta' traffikar ta' persuni fl-Artikolu 248E tal-Kap. 9, ċitata minn din il-Qorti iżjed il'fuq.

Illi t-tlett elementi tar-reat in kwistjoni huma s-segwenti:

(i) l-**att**, u ċioe` wieħed minn dawk l-atti ta' traffikar tal-persuna kif imfisser, fil-liġi tagħna, fl-Artikolu 248E;

(ii) il-**mezz** li minnu jagħmel użu l-aġent sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu u jwettaq l-att tat-traffikar innifsu tal-vittmi; u

(iii) l-**għan**, u ċioe` *"the purpose"* li jikkonsisti fl-isfruttar għall-wieħed jew aktar mir-raġunijiet msemmija fil-liġi.

Kompliet hekk din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daswani Harish** b'referenza għat-tifsira ta' traffikar ta' persuni:

"*In the **Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings** (Warsaw, 16.V.2005), and, before it, the **Palermo Protocol** (15.XI.2000), duly ratified by Malta, the definition of "trafficking in human beings" was stated to be:*

*'the recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons, by means of the threat or use of force or other forms of coercion, of abduction, of fraud, of deception, of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person, for the purpose of exploitation. Exploitation shall include, at a minimum, the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organs'.*

*The Protocol to Prevent, Suppress and Punish Trafficking in Persons, especially Women and Children, was adopted by the United Nations General Assembly in 2000 and entered into force on 25 December 2003.*

*The Trafficking Protocol, which supplements the United Nations Convention against Transnational Organized Crime, is the only international legal instrument addressing human trafficking as a crime.*

*Article 3, paragraph (a) of the Protocol to Prevent, Suppress and Punish Trafficking in Persons*[53] *defines Trafficking in Persons as "the recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons, by means of the threat or use of force or other forms of coercion, of abduction, of fraud, of deception, of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person, for the purpose of exploitation. Exploitation shall include, at a minimum, the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organs."*

Fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Settembru 2020, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daswani Harish**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għall-kitba ta' Dr. Lara Lanfranco fix-xogħol intitolat *'Maltese Criminal Law on Human Trafficking Recent Legislative Developments in the International Context'*, fejn tgħid hekk dwar din id-definizzjoni ta' traffikar ta' persuni:

> "*When one analyses the above definition we can identify three main elements:*
>
> *(a) The act*
>
> *(b) The means*
>
> *(c) The purpose*

[53] Magħruf ukoll bħala l-*Palermo Protocol.*

*(a) The first part of the definition indicates a variety of acts of which one, some or all must be performed at some point of the process of human trafficking. The definition indicates the 'recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons'. The 'recruitment' referred to here can be carried out by whatever means so as to cater for any form available e.g. orally, through internet technology or through the media or otherwise. 'Transportation' can be carried out nationally as well as in a transnational manner and hence does not apply only to transportation from one country to another. In other words a border need not be crossed for human trafficking to subsist. Of course these acts in their own right and whilst standing alone without any other circumstances attached thereto, such as the harbouring of a criminal or a fugitive, are not illegal, which is why in order to establish whether a human trafficking offence was carried out these acts need to be seen in the light of the other elements of the offence.*

*(b) The means are indicated in the second part of the definition of Article 3 as above quoted and refers to the 'threat or use of force, coercion, abduction, fraud, deception, abuse of power or vulnerability, or giving payments or benefits to a person in control of the victim'. Fraud and deception are frequently used by traffickers in order to lure victims of human trafficking into the trap. They could generally be fooled into thinking that attractive job prospects await them only to realise that this is not so when it is too late for them to turn back. The abuse of a vulnerable position arises when the victim of such abuse has no real and acceptable alternative but to submit to it. The abuse per se may take various*

*forms and may range from the most personal to an economical one. In other words the trafficker abuses of the vulnerable position of the victim which could be one of health, financial situation or disability in order to impel these victims to accept the exploitation they are subjected to.*[54] *The nature of the means which qualify the conduct is what characterizes the acts as of a general criminal character. The special purpose behind the means used, lend specificity to the conduct criminalised. This is why it is fundamental to observe the "means" quoted together with the "acts" and of course the purpose which in itself is what completes the elements of human trafficking.*

*(b) The purpose refers to the objective behind the act and means used. Basically the purpose represents the end of the means adopted. The purpose gives the true character to the offence of human trafficking which is the exploitation of the persons or victims concerned. The forms of exploitation vary so as to include prostitution, sexual exploitation, forced labour, slavery or organ removal. The definition in Article 3 does not limit the exploitation to these forms in that the word "includes" is used in the text. The open-ended scope of trafficking is therefore essential since it caters for the development of further trends of human trafficking which may not currently exist or which are still being developed. This is certainly wise and takes account of the constant evaluation and adaptation of the offence in the light of today"s changing developments. Therefore the offence of human trafficking must itself be capable of*

---

[54] Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-*Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings, Explanatory Report (CETS 197)* disponibbli f'http://conventions.coe.int/Treaty/EN/Reports/Html/197.htm li għaliha ssir referenza fil-*foonote* 17 fid-*dissertation* ta' Dr Lara Lanfranco intitolata 'Maltese Criminal Law on Human Trafficking Recent Legislative Developments in the International Context'.

*making allowance for changes in the phenomenon. The more the world progresses, the more the human trafficking adapts accordingly to prevent being detected. Likewise the laws and tools intended to fight this phenomenon must keep developing and changing in order to address and adapt to the varying forms and trends of human trafficking as well as the means used to perform them.*

*Although it is necessary for all three elements to concur, for the completion of the offence as defined, it is not necessary that a victim of human trafficking is actually exploited since it is enough that one has been subjected to any one of the actions referred to in the definition by any one of the means intended for the purpose of exploitation. In other words, trafficking ensues even before the exploitation is actually effected and hence it is punishable at that stage also. Moreover another exception to the rule that all three elements must concur arises with regards to children since, as will be seen in further detail below, in the case of minors the means referred to in the definition above need not result for there to be human trafficking due to the fact that there is a presumption that the action alone for the purpose of exploitation gives rise to the offence.*"

Illi minn dan jirriżulta illi sabiex il-Qorti ssib reita` fl-imputati, irid jiġi stabbilit ukoll illi l-mezz li jkun ġie utiliżżat ikun wieħed minn dawk elenkati fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 248A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-sub-artikolu, li kien jelenka bħala l-mezzi l-vjolenza, it-theddid inkluż is-serq ta' persuna, il-qerq jew l-ingann, l-użu ħażin ta' l-awtorita`, influenza jew pressjoni, il-wegħda ta' għoti jew riċeviment ta' ħlas jew benefiċċji sabiex jiġi karpit il-kunsens tal-

persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna oħra, ġie emendat bis-saħħa tal-Att XVIII tas-sena 2013, billi żdied bħala mezz l-abbuż tal-poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabbilta`. Kif ingħad iżjed 'il fuq, din tal-aħħar hija mfissra fil-liġi bħala *"sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata ma jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħha għall-abbuż involut."*

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta b'mod abbundanti illi AB u CD kienu ilhom żmien jeżerċitaw il-prostituzzjoni, u dan fid-diversi pajjiżi li kienu fihom, u f'xi żmien anke b'mod indipendenti mill-imputati. Jirriżulta kemm mix-xhieda ta' AB u CD, u anke minn dik tal-imputati, illi dawn kienu jeżerċitaw il-prostituzzjoni kemm fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, kif ukoll fil-każ ta' AB fl-Ingilterra, fl-Olanda u f'Malta u fil-każ ta' CD, tal-inqas ġewwa l-Olanda u Malta. Jirriżulta wkoll sodisfaċentement ippruvat illi kemm CD, kif ukoll AB kienu jivjaġġaw mal-imputati, u b'mod partikolari u ta' relevanza partikolari għall-akkużi odjerni, inkluż fil-każ ta' AB, fil-vjaġġi tagħhom lejn Malta fis-snin 2016 u 2017 u fil-każ ta' CD, fil-vjaġġ tagħhom lejn Malta fis-sena 2017. Fil-fatt il-vjaġġi tal-imputati lejn Malta kienu effettivament tnejn, wieħed fis-sena 2016 u ieħor fis-sena 2017. Jirriżulta illi in kwantu t-tieni vjaġġ fis-sena 2017, l-imputata kienet vjaġġat ma' CD u ma' ċertu Gabriella mill-Olanda, fil-waqt li wara, l-imputat kien vjaġġa ma' AB, it-tarbija tagħha u EF mill-Olanda b'passaġġ minn ġo l-Ungerija.

Minkejja li l-imputati jiċħdu li huma kienu jissfruttaw lil AB u lil CD għal fini ta' prostituzzjoni, il-Qorti hija moralment konvinta illi dawn il-persuni kienu ilhom jiġu sfruttati għal dan l-iskop mill-imputati, u dan in kwantu AB ġewwa l-Ingilterra, l-Olanda, u f'Malta u in kwantu CD tal-inqas ġewwa l-Olanda u f'Malta. F'Malta jirriżulta illi l-isfruttament ta' AB seħħ kemm fis-Sajf tal-2016,

kif ukoll bejn Settembru u Novembru 2017 u fil-każ ta' CD, bejn Ġunju u Novembru 2017.

In vista taċ-ċaħda ta' l-imputati u l-verżjonijiet tagħhom min-naħa l-waħda u l-verżjonijiet ta' AB u CD min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis illi l-possibilitajiet huma tnejn, u ċioe` jew illi AB u CD kienu qegħdin jeżerċitaw il-prostituzzjoni minn rajhom, jew altrimenti illi huma kienu jagħmlu dan ix-xogħol taħt il-kontroll tal-imputati. Wara li fliet bir-reqqa l-atti proċesswali u l-provi kollha miġjuba quddiemha, il-Qorti hija konvinta illi AB u CD kienu entrambi taħt il-kontroll tal-imputati u sfruttati minnhom għall-prostituzzjoni.

Il-konvinzjoni tal-Qorti hija msejjsa fuq diversi provi diretti u indizzji riżultanti mill-provi. Jibda biex jingħad illi l-Qorti nnutat xi diskrepanzi fix-xhieda ta' AB, bħal per eżempju, fejn fi stadju tgħid illi hija ma ltaqgħetx ma' omm l-imputat u fi stadju ieħor tgħid li għamlet żmien qasir tgħix magħha u illi din anke tatha xi oġġetti għat-tarbija ġewwa l-Ungerija, kif ukoll in kwantu ż-żmien tal-ewwel laqgħa tagħha mal-imputat li fiha hija tgħid li huwa kien ħadha taħt il-kontroll tiegħu, meta jirriżulta illi fl-istess żmien l-imputati kienu allura jinsabu ġewwa l-Kanada. Dwar dan madankollu, il-Qorti tirrileva illi kemm AB u CD mhumiex dejjem tant preċiżi in kwantu żmien; b'hekk per eżempju, AB fil-kontro-eżami tagħha, mistoqsija mill-Qorti f'liema sena twieled binha, wara li tgħid li twieled ġewwa l-Olanda fil-11 ta' April, twieġeb illi ma tafx.[55] Da parti tagħha, CD tgħid illi waslet Malta fis-26 ta' Mejju 2016, iżda mbagħad mill-istorja li tagħti, jidher evidenti illi hija kienet qegħda titkellem dwar iż-żmien tagħha f'Malta fis-sena 2017. Minkejja dan, il-Qorti tqis madankollu illi tali diskrepanzi ma jnaqqsu xejn mill-kredibilita` taż-żewġ xhieda, li jikkorroboraw għal kollox lil xulxin fid-dettalji li huma jagħtu dwar il-ħajja li huma kienu jgħixu taħt il-kontroll tal-

[55] Ara a fol. 845 tal-proċess.

imputati. Tqis ukoll f'dan il-kuntest illi lanqas l-istat ta' saħħa mentali taż-żewġ vittmi li dwaru xehdet Dr. Ethel Felice ma jxejjen jew inaqqas mill-kredibilita` tagħhom jew jimpinġi fuq il-verosimiljanza tal-verżjoni mogħtija minnhom. Għall-kuntrarju, iż-żewġ xhieda xehdu b'mod inekwivoku u konsistenti dwar l-isfruttament tagħhom da parti tal-imputati, u apparti li huma wkoll korroborati minn xulxin f'dak li jgħidu, il-verżjoni tagħhom issib korroborazzjoni minn ċirkostanzi u provi oħrajn. In oltre il-Qorti kellha l-opportunita` li tifli wkoll il-komportament tagħhom meta xehdu quddiemha in kontro-eżami, li ma jħallilha l-ebda dubju li dak li xehdu għandu mis-sewwa.

Mill-banda l-oħra, imbagħad, għalkemm din il-Qorti kif preseduta ma kellhiex l-istess opportunita` li tisma' u tara hija stess lill-imputati fuq il-pedana tax-xhieda, fi kwalunkwe każ, kemm mill-istqarrijiet tagħhom esebiti in atti, ir-reġistrazzjoni ta' liema saret ukoll b'mezzi awdjo-viżwali, kif ukoll mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda tagħhom quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-Qorti setgħet mingħajr ebda diffikulta` tevalwa sew il-verżjoni tal-istess imputati u f'dan ir-rigward, daqstant ieħor m'għandhiex dubju illi din m'għandhiex mis-sewwa, mhijiex kredibbli u lanqas verosimili. Id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom illi ma kienu jafu xejn jew kellhom biss suspett dwar l-attivita` ta' prostituzzjoni eżerċitata minn AB u CD u fil-każ ta' l-imputata, illi din ikkonfermat is-suspetti tagħha biss meta dawn talbuha sabiex ittella' r-ritratti tagħhom fuq is-sit elettroniku, huma evidentement inveritieri meta, partikolarment fil-każ ta' AB, din kienet tgħix fl-istess appartament magħhom, u meta fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid illi kien fatt magħruf u illi ma kien l-ebda sigriet illi AB u CD kienu minn dejjem prostituti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis illi minkejja illi l-imputati jiċħdu illi huma kellhom għarfien tax-xogħol li setgħu kienu qegħdin jagħmlu AB u CD, m'hemmx dubju kif diġa` ingħad illi dawn kienu qegħdin joffru servizzi sesswali; fatt dan li mhuwiex ikkonfermat biss mill-vittmi, iżda ġie wkoll ikkonfermat minn persuni li kienu frekwentaw lil AB u lil

CD għal dan il-għan. Lanqas hija kredibbli jew verosimili d-dikjarazzjoni u x-xhieda tal-imputati li ma kinux jafu bix-xogħol li kienu qed jeżerċitaw AB u CD – u fil-każ tal-imputata li kienet ikkonfermat is-suspetti tagħha biss fil-ġimgħa tal-arrest - meta l-movimenti ta' waħda mit-tfajliet in kwistjoni, dieħla u ħierġa mill-fond fejn kienu jirrisjedu l-istess imputati, setgħu saħanistra josservahom il-pulizija fil-ftit sigħat li għamlu għassa fuq l-istess fond fi Triq Efesu.

Hija daqstant inveritiera x-xhieda tal-imputat meta jgħid illi huwa kellu biss ħames minuti ċans sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Daqstant hija inveritiera u inkonsistenti x-xhieda tal-imputati illi AB ma kinitx tgħix magħhom meta ġew lura Malta fis-sena 2017 u dan meta fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom, huma jgħidu mod ieħor. F'dan il-kuntest, l-imputati lanqas ma jaqblu bejniethom fl-istqarrijiet tagħhom dwar fejn kienet torqod AB ġewwa l-appartament li kienu jgħixu fih; skont hu fil-kamra ma' EF, bint l-imputata, fil-waqt illi skont l-imputata, fuq is-sufan fil-*living room* tal-appartament. Naturalment id-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija tiegħu illi issa li sar jaf x'kienet qegħda tagħmel AB bħala xogħol, jiddispjaċih li qatt ma talabha flus, tikkontrasta ferm mad-dikjarazzjoni tiegħu illi kien fatt magħruf illi AB u CD kienu prostituti. Lanqas ma jistgħu jitwemmnu l-imputati meta jgħidu illi AB kienet tagħtihom ħamsin ewro fil-ġimgħa – anke hawn qajla jaqblu bejniethom għaliex fil-waqt illi l-imputata tgħid illi din kienet dejjem is-somma li kienet tagħtihom AB, l-imputat jgħid illi ma kienx hemm ammont speċifiku, iżda ġeneralment kienet tagħtihom ħamsin ewro u ġieli tathom iżjed, anke mitt ewro – sabiex jieħdu ħsieb it-tarbija tagħha, skont l-imputat ħames darbiet fil-ġimgħa u għalhekk mhux xi darba kultant żmien. Dan meta fl-ewwel lok, it-tnejn jgħidu fl-istqarrija tagħhom li AB ma kinitx taħdem u skont l-imputata, kienet qegħda tfittex xogħol u għalhekk skont din il-verżjoni, AB ma kellha l-ebda introjtu, u fit-tieni lok, mill-banda l-oħra, din hija somma irriżorja meta wieħed iqis illi l-imputati kienu jieħdu ħsieb it-tarbija ta' AB, jixtrulha l-bżonnijiet għat-tarbija

bħal ħrieqi u ħalib u jitimgħuha wkoll, apparti illi kienet tgħix magħhom fl-appartament li għalih huma kienu jħallsu kera ta' elf ewro f'xahar. Dan apparti aspetti oħrajn tal-verżjonijiet tagħhom li wkoll jikkontrastaw bejniethom, bħal per eżempju l-ammont tal-introjtu li allegatament kien idaħħal l-imputat mill-kumpanija tat-trasport ġewwa l-Ungerija, li fir-rigward baqgħet ma nġabet l-ebda prova għajr għall-kelma tal-ko-imputati. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota illi ġewwa Malta, l-imputat baqa' diżokkupat u fil-fatt ma jirriżultax illi hawnhekk huwa qatt kellu xi mpjieg. In oltre tiddubita ferm il-veraċita` ta' dak allegat mill-imputati ossia illi l-imputat kien jiġġenera introjtu min-negozju ta' transport ġewwa l-Ungerija u dan tenut kont b'mod partikolari tal-fatt illi minn wara ż-żwieġ tagħhom fis-sena 2010, huma dejjem għexu barra mill-Ungerija. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda tal-imputati dwar dan l-introjtu ma kienx għajr tentattiv sabiex huma jiġġustifikaw l-għejxien tagħhom f'Malta fuq is-salarju uniku tal-imputata. Hawnhekk il-Qorti tosserva mhux biss id-diskrepanza fl-istqarrijiet u x-xhieda tal-imputati dwar il-*quantum* ta' dan l-allegat introjtu, iżda illi l-imputat innifsu xehed illi sħabu kienu qegħdin jirrifjutaw illi jgħaddulu parti mill-qliegħ minn dan in-negozju, stante illi huwa kien telaq permanentement mill-Ungerija. Effettivament, kif ingħad, l-imputat kien ilu snin sħaħ jgħix barra mill-Ungerija. Hija wkoll inverosimili u ferm konvenjenti, il-verżjoni taż-żewġ imputati illi huma kienu jsellfu l-*mobile phone* tagħhom lil AB u lil CD u illi l-*mobile phones* li nstabu fil-kamra tas-sodda tal-istess imputati kienu ta' AB u CD u mhux tagħhom, u dan skont l-imputat, stante illi dawn ħallewhom proprju fil-kamra tas-sodda tal-imputati jew għaliex l-istess AB u CD marru jpejjpu fil-gallarija jew inkella għaliex marru fil-kamra tal-banju! Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tal-istess imputati fix-xhieda tagħhom, inkluż iċ-ċaħda tagħhom illi AB kienet tirrisjedi fl-istess appartament magħhom, mhijiex għajr tentattiv fjakk sabiex jippruvaw jitbiegħdu mill-attivita` ta' prostituzzjoni illi AB u CD kienu jwettqu taħt il-kontroll assolut tagħhom.

Il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi l-verżjoni ta' AB u CD illi huma kienu qegħdin jiġu sfruttati mill-imputati għal fini ta' prostituzzjoni hija korroborata minn fatturi oħrajn xi wħud minnhom indikati mill-istess AB u CD, oħrajn konfermati mill-istess imputati u oħrajn li jirriżultaw indipendentement mill-provi. Fost dawn il-fatturi, il-Qorti tqis is-segwenti:

i) Illi AB u CD vjaġġaw ma' l-imputati minn u lejn pajjiżi differenti u fil-każ ta' AB, hija tgħid speċifikitament illi qatt ma vjaġġat barra mill-Ungerija ħlief mal-imputati;

ii) Il-fatt illi skont AB u CD, dejjem kien l-imputat li ħallas għall-vjaġġi tagħhom, inkluż lejn Malta u dan jittalja perfettament ma' dak li jixhdu AB u CD fis-sens illi huma kienu jgħaddu l-flus kollha li kienu jdaħħlu mill-prostituzzjoni lill-imputati, li mbagħad kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħhom, li jfisser għalhekk illi AB u CD ma kellhomx flus f'idejhom, lanqas biex jieklu u wisq inqas biex jivjaġġaw;

iii) Il-fatt illi l-imputati kienu jieħdu ħsieb it-tarbija ta' AB, u dan sabiex hija tkun tista' teżerċita l-prostituzzjoni u mhux kif jgħidu l-imputati, sempliċiment sabiex jgħinuha u mingħajr ebda domandi jew indħil min-naħa tagħhom;

iv) Il-fatt illi AB kienet tirrisjedi mal-imputati mingħajr ma tikkontribwixxi għall-ħlas tal-kera;

v) Il-fatt illi d-diversi *mobile phones* instabu fil-kamra tas-sodda ta' l-imputati, inkluż illi d-diversi messaġġi b'referenza għal servizzi sesswali li nstabu fihom, kienu miktuba bil-lingwa Ingliża li AB u CD bil-kemm kellhom għarfien tagħha, kuntrarjament għall-imputata, kif wara kollox jammettu wkoll l-istess imputati;

vi) Il-fatt illi anke r-riklami fuq is-sit elettroniku kienu miktuba bil-lingwa Ingliża; u

vii) Il-fatt illi l-kera tal-appartament li fih kienu jirrisjedu l-imputati, EF, AB u t-tarbija tagħha kienet kważi ekwivalenti għall-introjtu tal-imputata, fil-waqt illi m'hemmx prova konkreta dwar l-introjtu tal-imputat mill-kumpanija tat-transport ġewwa l-Ungerija, oltre illi l-istess imputat jikkonċedi illi ma kien daħħal l-ebda introjtu minn din il-kumpanija fl-aħħar xahar, u oltre wkoll illi skont CD, il-kera tal-appartament minn fejn kienet tiġi eżerċitata l-prostituzzjoni kienet titħallas mill-imputata mill-qliegħ tal-istess prostituzzjoni.

Iżżid tgħid ukoll din il-Qorti illi l-mod vag li bih l-imputata ddeskriviet fejn kien jinsab dan l-aħħar appartament, biex bħal tipprova tkompli titbiegħed mill-allegazzjonijiet li ġiet rinfaċċjata bihom, ukoll ikompli jxejjen il-kredibilita` tagħha meta wieħed iqis fl-ewwel lok, illi fl-ewwel stqarrija tagħha hija ammettiet li l-kirja ta' dan l-appartament kien fuq isimha sakemm hija talbet illi isimha jitneħħa minn fuq il-kuntratt, fit-tieni lok, ammettiet li marret f'dan l-appartament għalkemm skont hi, sempliċiment biex titkellem mas-sid għan-nom ta' oħtha dwar xi problemi bil-*water heater* u fit-tielet lok, CD tgħid illi flimkien ma' Gabriella, hija u l-imputata wkoll kienu jgħixu f'dan l-appartament, sakemm imbagħad l-imputata marret fl-appartament li fih kienet tgħix mal-imputat u ma' bintha, kif ukoll ma' AB u binha, meta dawn tal-aħħar waslu f'xi żmien wara f'Malta fis-Sajf tas-sena 2017.

Huwa osservat fil-fatt illi fil-perjodu li l-imputati kienu f'Malta fis-sena 2017 sad-data tal-arrest tagħhom, kienu jinkrew żewġ appartamenti, u ċioe` dak fi Triq Efesu, u ieħor fi Triq San Ġilormu. Jirriżulta ċar mix-xhieda tas-sidien tal-fond

ġewwa Triq Efesu, illi dan kien jinkera f'isem l-imputata Robert Attilane Majlat. In kwantu l-fond ġewwa Triq San Ġilormu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx l-aħjar prova dwar f'isem min kienet il-kirja ta' dan l-appartament. Dwar dan madankollu, ingħad hekk fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Lulju 2002, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**:

> "*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*"

Il-Qorti tinnota illi fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnha, fuq domandi tal-Uffiċjali Investigaturi dwar dan l-appartament, l-imputata tgħid illi isimha kien tneħħa minn fuq il-kuntratt ta' kera ta' dan l-appartament mill-10 ta' Ġunju, b'referenza evidenti għas-sena 2017. Dwar dan hija tgħid tgħid ukoll illi hija kkomunikat ma' sid l-appartament sabiex titolbu jneħħi isimiha minn fuq il-kuntratt stante li hija ma kinitx tgħix hemm, u li hija kienet il-*contact person* stante li min kien jgħix fih ma kienx jitkellem bl-Ingliż u ma kinux f'Malta permanentement. Għalhekk dan ifisser illi l-imputata stess tammetti illi f'xi żmien fis-sena 2017, il-kirja ta' dan l-appartament kienet f'isimha. Jirriżulta wkoll imbagħad mix-xhieda ta' CD illi kienet l-istess imputata li kienet tħallas il-kirja ta' dan l-appartament fis-somma ta' €800 fix-xahar u dan proprju mill-qliegħ tal-prostituzzjoni li kienu jeżerċitaw it-tfajliet – xhieda din li l-Qorti tikkunsidraha

bħala perfettament verosimili, meta wieħed iqis illi l-istess CD kienet tgħaddi d-dħul kollu tagħha mill-prostituzzjoni lill-imputata.

Jirriżulta mbagħad illi l-appartament fi Triq Efesu kien ġie mikri mill-imputata għal skopijiet residenzjali. F'dan l-appartament kienu fil-fatt jgħixu l-imputati, flimkien ma' bint l-imputata EF, kif ukoll, minkejja ċ-ċaħda tal-istess imputati fix-xhieda tagħhom, AB u t-tarbija tagħha, fatt dan li kif ingħad, ġie anke ammess mill-istess imputati fl-istqarrija rilaxxjata minnhom.

Jirriżulta wkoll illi fl-appartament fi Triq San Ġirolmu, liema fond huwa komunement imsejjaħ minn AB bħala d-'dar tax-xogħol', il-pulizija sabet u elevat oġġetti li jsaħħu t-teżi illi dan l-appartament kienet jintuża għal skopijiet ta' prostituzzjoni, fosthom żjut, ħwejjeġ intimi u kontraċettivi.

L-imputata Robert Attilane Majlat tinsisti illi l-kirja tal-appartament f'isimha kien sar għal finijiet ta' konvenjenza, u dan in vista tal-fatt illi hi kienet l-unika waħda li kellha għarfien, minkejja li bażiku, tal-lingwa Ingliża.  Tenut kont tal-evidenza ċirkostanzjali mressqa, il-Qorti tqis li dak li xehdet l-imputata fir-rigward mhuwiex minnu li din kienet ir-raġuni tal-involviment tagħha fil-kirja ta' dan l-appartament.

Jirriżulta wkoll illi kien proprju l-għarfien tal-imputata tal-lingwa Ingliża – għarfien illi AB u CD ma kellhomx - li kien jippermetti li jittellgħu riklami fuq siti elettroniċi, li permezz tagħhom kienu jiġu offruti s-servizzi sesswali tal-vittmi, kif ukoll kuntatt mal-klijenti. AB u CD għalhekk xehdu illi kienet proprju l-imputata Robert Attilane Majlat li kienet ħadet ir-ritratti tagħhom għal fini tas-sit elettroniku, liema ritratti b'ammissjoni tal-istess imputata, instabu fuq il-

*mobile phone* tagħha[56], u li kienet l-imputata li ħejjiet ir-riklami għal fini tas-sit elettroniku. AB xehdet ukoll illi l-imputati kienu jixtru *mobile phone* u SIM *card* għal kull mara li kienet tiġi sfruttata minnhom għal skopijiet ta' prostituzzjoni, liema *mobile phones* kienu jinżammu mill-imputata u kif jgħidu AB u CD, kienu jiġu mwieġba minnha meta jċemplu l-klijenti. Tenut kont illi kienet l-imputata biss li kellha għarfien tal-lingwa Ingliża, huwa altru milli verosimili u kredibbli illi kienet proprju hi li tħejji r-riklami fuq is-sit elettroniku u twieġeb it-telefonati u l-messaġġi tal-klijenti – messaġġi li mill-*mobile phones* jirriżulta illi kienu skambjati bil-lingwa Ingliża. Dan meta l-Qorti tqis ukoll illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, il-*mobile phones* ġew elevati proprju mill-kamra tas-sodda tal-imputati ġewwa l-fond fi Triq Efesu, liema fatt l-imputat jippruva jiġġustifikah b'diversi konġetturi banali.

Il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li l-isfond tar-relazzjoni maż-żewġ vittmi AB u CD huwa distint wieħed mill-ieħor, jirriżulta xebħ intimu bejn it-trasport tagħhom lejn Malta għall-iskopijiet msemmija.

Jibda billi jiġi osservat illi l-imputati, ta' nazzjonalita` Ungeriża, kellhom l-intenzjoni ċara li jallontanaw ruħhom minn pajjiżhom, tant illi jirriżulta mill-provi minnhom stess prodotti illi ftit wara ż-żwieġ tagħhom, u flimkien ma' EF, u ċioe` bint l-imputata, huma kienu rħewla lejn il-Kanada fejn kienu jirrisjedu familjari tal-imputat. Madanakollu, fis-sena 2015 huma kienu ġew deportati mill-istess pajjiz wara li t-talba tagħhom sabiex jingħataw stat ta' refuġjati ġiet miċħuda. Kien għalhekk li l-imputati rritornaw, anke jekk għal żmien qasir ħafna, ġewwa l-Ungerija, iżda ma kellhom l-ebda ħsieb li jibqgħu hemm tant illi f'qasir

[56] Dawn ir-ritratti jinsabu fl-esebit immarkat Dok. RS8, li fuqhom wieħed isib diversi *links* għal riklami online ta' "Maria Escort" b'referenza għan-numru 9965 4450, u "Nicole Esort" b'referenza għan-numru 9965 4502; ara wkoll l-esebit Dok. RS9 li jikkontjeni diversi messaġġi, inkluż referenza għall-appartament fi Triq San Ġilormu; u l-kontenut tal-esebiti Dok. RS11, RS13 u RS14 li wkoll jikkontjenu messaġġi ndikattivi.

żmien, huma vjaġġaw lejn l-Ingilterra fejn kienu jirrisjedu xi familjari tal-imputat.

Jirriżulta illi l-isfruttament ta' AB beda proprju fiż-żmien wara d-deportazzjoni tal-imputati mill-Kanada u x'imkien viċin il-wasla tagħhom ġewwa l-Ingilterra, tant illi l-istess AB tgħid illi wara ftit żmien li hija ltaqgħet mal-imputat, hija vjaġġat miegħu lejn l-Ingilterra, fejn hemmhekk iltaqgħet mal-imputata, u hemmhekk bdiet tipprostitwixxi ruħha, dejjem taħt il-kontroll u d-direzzjoni tal-istess imputati, li anke hemmhekk, kienu jgħidulha fejn għandha tmur u ma' min għandha tiltaqa' sabiex toffri s-servizzi tagħha. F'dak iż-żmien, hija ma kinitx tgħix flimkien mal-imputati, iżda f'dik li hija ssejjħilha 'dar tax-xogħol' flimkien ma' tfajliet oħrajn li kienu joffru l-istess servizzi, u kien biss meta kellha t-tarbija tagħha, qabel waslu Malta fis-sena 2017, li hija bdiet tabita mal-imputati. Mix-xhieda ta' AB, jirriżulta illi hija kienet ilha tipprostitwixxi ruħha minn eta` żgħira, tant illi hija tgħid illi kienet għaddiet mill-kontroll ta' żewġ persuni oħrajn qabel spiċċat taħt il-kontroll ta' l-imputati. Jingħad ukoll minn AB illi t-trasferiment tal-kontroll tagħha lill-imputat Robert Attila Majlat sar b'arranġament dwar ħlas mal-persuna li kienet tħaddimha qabel, għalkemm hija ma kinitx taf eżattament f'hiex kien jikkonsisti dan l-arranġament. Dan huwa miċħud mill-imputati, li joffru verżjoni kemmxejn differenti meta jgħidu illi l-imputata Robert Attilane Majlat kienet sabet lil AB f'kundizzjonijiet xejn tajba fit-toroq ta' Bradford, ġewwa l-Ingilterra, u li din talbitha l-għajnuna, verżjoni din li AB tiċħadha bis-sħiħ. Sinjifikanti fi kwalunkwe każ huwa l-fatt illi l-imputati kienu ben konxji li din kienet qegħda tiġi sfruttata għal skopijiet ta' prostituzzjoni. In oltre, il-Qorti tosserva illi l-indaġni tal-pulizija f'Malta nbdiet fuq informazzjoni dwar suspett ta' sfruttament li kienet rċeviet mingħand il-pulizija Ingliża, tant illi l-ewwel passi li ħadet il-pulizija kienet li ssegwi l-movimenti ta' EF, bint l-imputata, li kien maħsub li setgħet kienet il-vittma ta' sfruttament. Kienet fil-fatt waqt din l-osservazzjoni li kienet qegħda tagħmel il-pulizija f'Malta, li tqajjem suspett dwar

l-attivita` ta' AB u CD, waħda mil-liema – fil-fehma tal-Qorti, CD, fid-dawl tad-deskrizzjoni li jagħti PC 101 Ruznai Gaffarena ta' din it-tfajla - jirriżulta li ġiet osservata dieħla u ħierġa mill-appartament fi Triq Efesu bosta drabi. Jirriżulta wkoll illi fiż-żminijiet qabel il-wasla tagħha f'Malta fis-sena 2017, AB kienet weldet tarbija, fil-waqt li jirriżulta illi hija dejjem vjaġġat mal-imputati kull fejn dawn marru. Hija ssemmi vjaġġi lejn l-Ingilterra, l-Olanda u lejn Malta, apparti lejn l-Ungerija fiż-żmien tat-twelid ta' binha, liema vjaġġi dejjem ħa ħsiebhom l-imputat.

Jirriżulta mbagħad illi CD tiġi oħt l-imputata Robert Attilane Majlat, u ċioe` oħtha mill-istess missier. Mill-atti jirriżulta illi CD wkoll kienet sfruttata mill-imputati għal skopijiet ta' prostituzzjoni f'Malta, u li wliedha kienu ttieħdu mill-kura u l-kustodja tagħha proprju minħabba l-involviment tagħha fiċ-ċrieki ta' prostituzzjoni. Mix-xhieda ta' CD, jirriżulta illi hija kienet ġiet imwegħda mill-imputati ħajja aħjar, u li bis-saħħa tal-wasla tagħha f'Malta, tramite l-prostituzzjoni, hija tkun tista' ttejjeb ħajjitha u b'hekk terġa' tingħaqad lura ma' wliedha. Jirriżulta wkoll illi CD kienet ukoll tivjaġġa ma' l-imputati, tant li hija tgħid illi mill-Olanda, fejn ukoll kienet teżerċita l-prostituzzjoni taħt il-kontroll tal-imputati, ġiet magħhom f'Malta.

Il-Qorti tqis ukoll illi kemm AB, kif ukoll CD xehdu illi huma kienu obbligati li jgħaddu l-introjtu kollu tagħhom lill-imputati u illi fil-waqt illi l-istess imputati kienu jipprovdu għall-bżonnijiet tagħhom, huma ma kienu jirċievu jew iżommu xejn mill-flus li kienu jiġu perċepiti mill-prostituzzjoni tagħhom. Naturalment l-imputati jiċħdu dan, u jgħidu biss illi bħala kumpens għall-għajnuna li kienu joffru lil AB, din kienet tħallashom somma ta' ħamsin ewro fil-ġimgħa, liema verżjoni kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti ma temminhiex.

In oltre jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' AB u CD illi huma kienu taħt il-kontroll tal-imputati. Fil-każ ta' AB, apparti illi l-imputat kien ħadha taħt il-kontroll tiegħu mill-kontroll preċedenti ta' *pimp* ieħor, f'Malta dan il-kontroll kien faċilitat iżjed mill-fatt illi hija kienet tirrisjedi mal-imputati. Fil-każ ta' CD, hija tgħid illi l-imputati kienu kontinwament isegwu l-passi tagħha. In oltre AB tixhed ukoll illi l-imputat kien vjolenti magħha f'iżjed minn okkażżjoni waħda, f'okkażjoni minnhom meta kienu fi triqthom lejn l-Ingilterra u f'okkażjonijiet oħrajn, ġewwa l-Ingilterra fuq kwistjonijiet ta' flus ossia jew għaliex hija m'għadditlux il-flus kollha mill-prostituzzjoni jew inkella għaliex ma kinitx għamlet biżżejjed flus, wara liema hija baqgħet tibża' mill-imputati u ma setgħetx tara alternattiva oħra għaliha, għajr illi tibqa' magħhom. Dan dejjem fil-każ ta' AB, fl-isfond tal-posizzjoni ta' vulnerabbilta` tagħha, illi kienet tqis illi ma kellhiex triq oħra, anke għall-ġid ta' binha, għajr illi tibqa' tiġi sfruttata mill-istess imputati, għaliex effettivament kienet spiċċat dipendenti għal kollox minnhom.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, fil-fehma tal-Qorti jirriżulta illi jissussistu fil-konfront tal-imputati, it-tlett elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' traffikar ta' persuni ai termini tal-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta għalhekk illi l-vittmi ta' dan ir-reat, u ċioe` AB u CD, kienu trasportati miż-żewġ imputati b'mod transkonfinali lejn Malta fis-Sajf tas-sena 2017 u dan wara li fil-każ ta' AB kienet diġa` ġiet trasportata mill-Ungerija lejn l-Ingilterra, mill-Ingilterra lejn l-Olanda u mill-Olanda lejn Malta fis-sena 2016 u sussegwentement, lejn l-Olanda, l-Ungerija u għal darb'oħra lejn Malta fis-sena 2017 u fil-każ ta' CD (dak li jirriżulta definittivament) mill-Olanda lejn Malta fis-sena 2017. Kemm fil-każ ta' CD, kif ukoll fil-każ ta' AB, l-imputati kienu jiffaċilitaw ukoll ir-residenza tagħhom kull fejn kienu jmorru, u partikolarment ġewwa Malta fis-sena 2017,

AB kienet tgħix magħhom bit-tarbija tagħha, fil-waqt illi CD kienet tgħix f'fond illi l-kera tiegħu kienet titħallas mill-istess imputati mill-qliegħ tal-prostituzzjoni. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-elementi rikjesti fl-Artikolu 248E tal-Kodiċi Kriminali huma sodisfatti.

In kwantu l-għan tat-traffikar, huwa evidenti illi dan kien illi AB u CD jiġu sfruttati mill-istess imputati għall-prostituzzjoni.

Illi l-mezz li użaw l-imputati għal fini tat-traffikar ta' AB u CD, imbagħad, fost dawk elenkati fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali, huwa illi l-istess imputati abbużaw mill-pożizzjoni ta' vulnerabbilta` taż-żewġ vittmi, it-tnejn prostituti li lanqas kellhom saqaf fuq rashom; fil-każ ta' AB u fi kliemha stess, hija ma kellha xejn u kienet totalment dipendenti mill-imputati, anke għall-għajxien ta' binha u fil-każ ta' CD, din kienet l-unika tama li kellha, indotta mill-istess imputati, li terġa' tingħaqad ma' wliedha ġewwa l-Ungerija, wara li dawn ttieħdulha fid-dawl tal-ħajja ta' prostituzzjoni li kienet tgħix fiha.  Din għalihom ma kinitx għajr dik li l-liġi tfisser bħala "*sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata ma jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħha għall-abbuż involut*" u għalhekk pożizzjoni ta' vulnerabbilta` li minnha abbużaw l-imputati.  Fil-każ ta' CD, imbagħad, fil-fehma tal-Qorti, kien hemm ukoll l-eżerċizzju tal-qerq, li permezz tiegħu ġiet indotta sabiex temmen li ser ikollha ħajja aħjar, inkluż il-possibilita` li terġa' tingħaqad ma' wliedha, tramite l-eżerċizzju tal-prostituzzjoni tagħha ġewwa Malta.

Tqis in oltre illi minkejja li l-vittmi setgħu vjaġġaw u eżerċitaw il-prostituzzjoni mingħajr oġġezzjoni jew resistenza da parti tagħhom, u f'ċertu sens volontarjament, dan kien dovut għal mezzi li permezz tagħhom huma ġew traffikati mill-imputati u dan fit-termini wkoll tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali.  Ma hemmx dubju lanqas illi in kwantu jirriżulta illi

dan l-għemil kien imħejji u esegwit mill-imputati, kull wieħed miż-żewġ imputati pparteċipa kemm b'mod formali u kif ukoll b'mod materjali għat-twettiq tar-reat, u b'hekk entrambi l-imputati huma ħajta tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputati qed jiġu akkużati wkoll talli fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, sabiex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajjru b'qerq persuni tal-eta`, u ċioe` lil AB u CD għall-prostituzzjoni, liema delitt sar bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ. Dan huwa r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali, kif aggravat biċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu (b) tal-istess artikolu.

F'dan il-kuntest, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, imbagħad, l-Avukat Ġenerali indika l-Artikolu 205(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali.

L-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali, qabel l-emendi ntrodotti bis-saħħa tal-Att XIII tas-sena 2018, kien jgħid hekk:

> *"Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iġiegħel bil-vjolenza, jew iħajjar b'qerq, persuna tal-età, għall-prostituzzjoni, jekk il-fatt ma jkunx jikkostitwixxi delitt akbar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."*
>
> *Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin, jekk id-delitt isir –*

*(a) b'abbuż ta' awtorita`, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari; inkella*

*(b) bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.*"

Il-Qorti tqis illi jissussistu l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-reat kontemplat fl-Artikolu 205 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputata CD, u dan kif ampjament jirriżulta mill-eżami tal-provi b'rabta ma' l-ewwel imputazzjoni, u anke b'rabta mas-sejbien ta' ħtija tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta hawn aktar 'l isfel ikkunsidrat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi l-qerq miż-żewġ imputati fil-konfront ta' CD ġie perpetrat anke ġewwa Malta, kif tgħid fix-xhieda tagħha l-istess xhud, meta dawn induċewha temmen illi hija kienet ser terġa' tingħaqad ma' wliedha, billi teżerċita l-prostituzzjoni. M'hemmx dubju, imbagħad, kif jirriżulta ampjament mill-provi fuq ikkunsidrati illi dan kollu sar fl-ewwel lok, sabiex tiġi sodisfatta ż-żina ta' ħaddieħor u fit-tieni lok ai termini tal-paragrafu (b), bi ħsieb ta' qliegħ. Għaldaqstant, l-imputati qed jinstabu ħatja wkoll ta' din l-imputazzjoni fil-konfront ta' CD.

In kwantu AB, madankollu, il-Qorti tinnota illi ma nġabitx prova li hija ġiet imħajjra b'qerq għall-prostituzzjoni u lanqas ma nġabet il-prova, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li ntużat il-vjolenza fil-konfront tagħha ġewwa Malta. Għalkemm kif ingħad iżjed il' fuq, il-Qorti temmen dak li tgħid AB fil-kontro-eżami tagħha, u dan fis-sens illi hija ġiet imsawwta ġewwa l-Ingilterra mill-imputat in konnessjoni mal-flus derivanti mill-prostituzzjoni tagħha, biss fil-fehma tal-Qorti ma jirriżultax b'mod ċar illi dan kien ukoll il-każ ġewwa Malta. Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, AB tgħid hekk wara li ġiet mistoqsija għaliex kienet tgħaddi l-flus li kienet tipperċepixxi mill-prostituzzjoni lill-imputati:

> "*Once Robert beated me…because she didn't earn enough money and after that she just gave the money as soon as she got it, because she doesn't wanted any problems*."

Mistoqsija imbagħad jekk dan kienx seħħ ġewwa l-Ingliterra, hija twieġeb illi dan seħħ ġewwa Malta. Sussegwentement mistoqsija kemm il-darba ġiet imsawwta mill-imputat in konnessjoni mal-flus tal-prostituzzjoni, hija tgħid illi tliet darbiet ġiet imsawwta sew u mbagħad tgħaddi biex issemmi okkażżjonijiet u ċirkostanzi li hija tgħid li seħħew ġewwa l-Ingilterra. Għalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tistax tkun ċerta illi s-swat seħħ f'Malta wkoll u dan għaliex apparti illi meta ġiet mitluba tispjega f'iżjed dettal dwar dan is-swat hija semmiet l-Ingilterra iżjed minn darba, mill-bran suċitat, il-Qorti ma tistax isserraħ rasha illi hawnhekk ix-xhud kienet qegħda tirreferi għal swat f'Malta u mhux għall-fatt illi s-swat induċiha sabiex anke la darba ġewwa Malta, hija tgħaddi l-flus kollha mill-prostituzzjoni lill-imputati. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, la darba ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi l-element materjali tal-vjolenza meħtieġ għal dan ir-reat (kemm il-darba naturalment ma jirriżultax il-qerq), seħħ f'Malta, ma tistax tinstab ħtija f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Qorti qed issib ħtija fl-imputati in kwantu dan ir-reat ġie kommess biss fil-konfront ta' CD.

B'żieda mal-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena magħmula f'partijiet oħra ta' din is-sentenza, il-Qorti ma tistax tonqos milli tqis dak li espressament jipprovdi l-Artikolu 205, u ċioe` illi l-piena għar-reat hemm imsemmija tiġi erogata f'dawk il-każijiet fejn il-fatt riżultanti *'ma jkunx jikkostitwixxi delitt akbar'*. Fi kliem ieħor, anke jekk mill-provi jirriżultaw fatti li juru li l-imputati huma tassew ħatja ta' dan ir-reat, iżda fl-istess ħin il-Qorti ssib reita` dwar delitt akbar, ir-reat f'din l-imputazzjoni, għall-finijiet ta' piena, għandha titqies li tkun ġiet assorbita fid-delitt akbar. Proprju hekk huwa l-każ tal-lum, la darba l-Qorti sabet ħtija fl-

imputati dwar ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, li ċertament huwa delitt akbar.

Il-Qorti tinnota illi fin-nota tiegħu l-Avukat Ġenerali indika wkoll l-aggravanti kkontemplata fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali, liema aggravanti ma kinitx fost dawk indikati fit-tieni imputazzjoni. Madankollu l-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** tas-7 ta' Diċembru 2001, fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> "*Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju maghmula skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, jikkwota, bhala disposizzjonijiet li tahthom tista' tinstab htija (ta' reat li jgib mieghu piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija izda mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija) l-istess artikoli indikati mill-Pulizija Ezekuttiva fic-citazzjoni li biha l-appellat Carter tressaq quddiem il-Qorti (allura Qorti Istruttorja), u cioe` l-Artikoli 179, 180, 183, 185, 188, 189, 111(2), 135 u 138. L-artikoli l-ohra minnu citati ma jikkontemplawx reati: l-Artikolu 141 jikkontempla aggravanti, l-Artikolu 17(b) jikkontempla regola dwar il-konkors ta' pieni, l-Artikolu 31 jikkontempla l-iskala tal-pieni, l-Artikolu 20 jikkontempla regola ohra dwar il-pieni (meta piena m'ghandhiex tinghata fil-minimu), u l-Artikolu 533 jitkellem dwar l-ispejjez peritali.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Imbagħad, kompliet hekk il-Qorti dwar in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali:

"*Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. <u>Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni</u>; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. In fatti din it-tielet ipotezi kien il-punt principali fis-sentenza ta' Seisun et. (cioe` li l-Qorti tal-Magistrati, wara rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3), tista' ssib lill-akkuzat hati bhala komplici flok bhala l-ezekutur materjali; ghandu jinghad ukoll, pero`, li f'din is-sentenza din il-Qorti, diversament presjeduta, ma jidhirx li apprezzat id-differenza bejn rinviju skond l-Art. 370(3) u rinviju skond l-Art. 433(5)). Issa, filkaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, fejn allura l-paragrafu ċitat mill-Avukat Ġenerali, m'huwiex reat iżda aggravanti għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tiegħu u tikkonsidra jekk japplikax fil-każ odjern, minkejja li tali ċirkostanzi aggravanti ma ġewx indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, il-piena għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali tiżdied meta d-delitt hemmhekk ikkontemplat isir, skont il-paragrafu (a) tal-istess artikolu "*b'abbuż ta' awtorita`, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari*". Il-Qorti tqis illi jirriżulta li CD tiġi oħt l-imputata min-naħa tal-missier, u allura l-imputati kienu jafu sew x'kienet il-posizzjoni tagħha in kwantu l-fatt li wliedha kienu lkoll tteħdulha ġewwa l-Ungerija, kif wara kollox jgħid ukoll l-imputat fix-xhieda tiegħu. Kien proprju bir-relazzjoni familjari tagħhom magħha u b'din il-posizzjoni ta' CD li l-imputati nqdew sabiex iħajjruha fil-prostituzzjoni f'Malta, billi nduċewha temmen illi kienet ser tkun kapaċi tingħaqad ma' wliedha, fil-waqt illi tkun qegħda wkoll mal-familjari tagħha ossia magħhom ġewwa Malta. Kien ukoll b'abbuż ta' din ir-relazzjoni familjari illi CD tgħid illi l-imputati kienu jippretendu għalihom il-qliegħ kollu tagħha mill-istess prostituzzjoni. Għaldaqstant, fir-rigward ta' CD, il-Qorti tqis illi dan l-aggravanti wkoll jirriżulta sodisafaċentement ippruvat kontra l-imputati, b'dan għalhekk illi l-imputati qed jinstabu ħatja tar-reat fl-Artikolu 205(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali.

**It-Tielet Imputazzjoni – Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta**

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputati huma wkoll akkużati talli xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' xi persuni oħra. Din l-imputazzjoni tirreferi għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap.

63 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni li jiddisponi hekk:

> *"Kull min, xjentement, igħix, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' m'hux iżjed minn sentejn."*

It-tielet (3) sub-artikolu tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 iżid jiddisponi illi għandu jitqies li jkun qiegħed jgħix mill-qliegħ tal-prostituzzjoni min isegwi:

> *"Persuna titqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tgħix, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tgħix jew soltu tkun ma' persuna li teżerċita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha ħakma fuqha b'mod li juri li hija qiegħda tgħin, tħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni oħra.*"

F'dan il-kuntest, l-Avukat Ġenerali jiċċita l-Artikoli 7(1) u (3) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju.

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi huwa *iuris tantum* preżunt illi persuna tkun qegħda tgħix fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni anke jekk hija tkun merament tgħix ma' persuna li teżerċita l-prostituzzjoni. Din il-presunzjoni madanakollu tissaħħaħ fejn jirriżulta illi l-persuna akkużata tkun eżerċitat kontroll, li tkun mexxiet, jew altrimenti li tkun ħakmet il-persuna li tkun qegħda teżerċita l-prostituzzjoni. Basta illi f'kull każ jirriżulta illi dik il-persuna tkun għenet, ħajjret jew ġiegħlet lill-persuna l-oħra fl-eżerċizzju tal-prostituzzjoni. In vista ta' din il-presunzjoni, huwa kompitu tad-difiża, meta jirriżultaw dawn il-fatti, li tittenta

xxejjen il-presunzjoni legali u tressaq provi konvinċenti u bastanti, imqar sal-grad tal-probabbli, li juru illi minkejja l-fatti riżultanti, hija ma kienetx tassew qegħda tgħix fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni.

Il-Qorti tikkunsidra b'rabta ma' din l-imputazzjoni illi ġie ampjament ippruvat mill-Prosekuzzjoni illi AB u CD kienu l-vittmi ta' traffikar għal skopijiet ta' sfruttament għall-prostituzzjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-traffikar ta' persuna minnu nnifsu jikkostitwixxi prova univoka tal-ħakma u tal-kontroll li min iwettaq ir-reat ikollu fuq il-persuna assoġġettata għar-reat, liema ħakma u kontroll jirrendu lill-vittma vulnerabbli u dipendenti minn dawk l-istess persuni li taħt il-kontroll u ħakma tagħhom ikun sab ruħu. Fejn imbagħad it-traffikar isir bil-għan li l-vittmi jiġu sfruttati għall-prostituzzjoni, l-istess imġieba kriminuża ma ssirx għajr għall-qliegħ da parti ta' l-aġent mill-eżerċizzju tal-prostituzzjoni li l-vittma tkun ġiet assoġġettata għaliha.

Il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad li trid il-liġi illi l-imputati laħqu l-għan tagħhom bit-traffikar tal-vittmi AB u CD, meta mhux biss wettqu dak kollu meħtieġ sabiex il-vittmi jeżerċitaw il-prostituzzjoni, iżda wkoll billi kienu jirċievu l-introjtu kollu derivat mill-eżerċizzju tal-prostituzzjoni tal-istess vittmi taħt il-kontroll tagħhom.  Dan il-kontroll jirriżulta li kien jestendi sal-grad illi l-vittmi bil-kemm kellhom il-liberta` li jallontanaw ruħhom mir-residenza fi Triq Efesu u l-fond ġewwa Triq San Ġilormu, tant illi fil-każ ta' AB, jirriżulta ċar illi bilkemm kellha għarfien tad-dintorni li kienet tgħix fihom.

Dawn iċ-ċirkostanzi u oħrajn diġa` ġew evalwati fid-dettal f'partijiet oħra ta' din is-sentenza, madanakollu ma jkunx barra minn loku li din il-Qorti tiddikjara għal darb'oħra illi tinstab moralment konvinta mill-verżjoni li taw il-vittmi in kwantu xehdu illi huma kellhom jagħtu lill-imputati l-introjtu kollu li kien jiġi perċepit

minnhom fl-eżerċizzju tal-prostituzzjoni. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tagħhom illi l-prezz għas-servizzi sesswali mogħtija minn AB u CD kien jiġi ffissat direttament mal-klijent mill-imputata Robert Attilane Majlat. Il-Qorti għal darb'oħra tiddikjara li m'għandha l-ebda dubju minn dan kollu, minkejja li ġie miċħud mill-imputati.

Illi mill-atti jirriżulta ppruvat in oltre illi l-mezzi tal-għejxien ta' l-imputati ossia s-salarju li kienet tipperċepixxi l-imputata Robert Attilane Majlat mill-impjieg fiss tagħha, li hawn irid jingħad li ġie reġistrat fit-23 ta' Ottubru 2017, minkejja li hija tgħid illi bdiet taħdem f'Lulju 2017, u l-qliegħ tal-prostituzzjoni kien imbagħad imur, fost affarijiet oħra, sabiex l-imputati jipprovdu għal bżonniiet tagħhom u tal-vittmi tagħhom AB u CD. Minkejja ċ-ċaħda tal-imputati, jirriżulta ċar illi s-salarju ta' Robert Attilane Majlat bil-kemm kien suffiċjenti sabiex jipprovdi għall-bżonnijiet tal-imputati u ta' bint l-imputata, inkluż sabiex titħallas il-kirja tal-fond residenzjali tagħhom f'somma mensili li kienet skont l-istess imputata, għall-ewwel tekwivali u ftit wara, kważi tekwivali, għall-paga tagħha. Bil-wisq inqas seta' jservi l-istess salarju sabiex jissodisfa ukoll il-bżonnijiet tal-vittmi u t-tarbijia tal-vittma. Magħdud ma' dan u għal finijiet ta' kompletezza, il-Qorti tqis illi l-imputat Robert Attilane Majlat ma kellu ebda impjieg fiż-żmien li dam Malta qabel l-arrest tiegħu, u dan ukoll kif mistqarr minnu stess, kif lanqas jirriżulta li kellhom introjtu leċitu l-vittmi li kienu jiddependu interament fuq l-imputati fiċ-ċirkustanzi suriferiti u mfissra fil-kliem *'modern day bondage'*. Fir-rigward tal-introjtu tal-imputat Robert Attila Majlat, il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tqis li mhijiex konvinċenti l-verżjoni avvanzata mill-imputati dwar in-negozju tat-trasport tal-istess imputat fl-Ungerija, li kif ingħad dwar l-introjtu minn dan in-negozju, la tressqet prova konkreta u wisq inqas konsistenti, meta lanqas hemm qbil bejn l-istess imputati dwar f'hiex kien jikkonsisti dan l-introjtu, oltre illi l-istess imputat jgħid illi ma daħħal xejn minn dan in-negozju fl-aħħar xahar.

Din il-Qorti għalhekk tqis, mill-assjem tal-provi prodotti, illi jirriżultaw l-elementi kollha li trid il-liġi għat-twettiq ta' dan ir-reat da parti tal-imputati u illi l-istess imputati għexu fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' AB u CD, bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Raba' Imputazzjoni – Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta**

Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputati huma akkużati talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali. Dan ir-reat huwa dak ravviżat fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijet ta' Malta.

F'dan ir-rigward l-Avukat Ġenerali jiċċita l-Artikolu 8(1) u (3) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju.

L-imsemmi Artikolu 8(1) jgħid hekk:

> *"Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)."*

Anke f'dan il-każ, il-liġi tfisser fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu illi:

> *"Persuna titqies li għandha sehem fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, kemm-il darba hija tieħu sehem direttament jew indirettament minn xi qligħ ta' dak l-eżerċizzju jew tieħu parti attiva fl-eżerċizzju ta' burdell, dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom."*

Kif diġa` ġie kkunsidrat *supra*, jirriżulta mill-atti ta' din il-proċedura illi l-imputata kienet ħadet b'titolu ta' kera appartament fi Triq San Ġilormu, liema apparament AB spiss tirreferi għalih bħala d-dar tax-xogħol. Dan l-appartament qatt ma kien intiż għal skopijiet residenzjali tal-imputati, ħlief dak tal-imputata għal żmien qasir qabel il-wasla f'Malta tal-imputat Robert Attila Majlat. Jirriżulta fil-fatt illi l-imputati kienu stabbilew ir-residenza tagħhom f'appartament ieħor fi Triq Efesu, f'liema appartament kienu anke jirrisjedu AB u t-tarbija tagħha. Jirriżulta wkoll illi l-kera ta' dan l-appartament ġewwa Triq San Ġilormu kienet titħallas mill-imputata mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' AB u CD.

Il-Qorti tqis fir-rigward ta' dan l-aħħar appartament, illi minkejja li f'xi żmien, dan ġie mikri minn Robert Attilane Maljat, dan ġie sewwa sew mikri sabiex iservi l-għan tal-imputati u minnu jissfruttaw lill-vittmi għal skopijiet ta' prostituzzjoni. F'dan ir-rigward, u fiċ-ċirkostanzi probatorji li jemerġu mill-atti proċesswali, il-Qorti ma tqisx veritiera l-allegazzjoni tal-imputat illi l-ftehim tal-kirja ta' dan l-appartament ġie konluż f'isem l-imputata possibilment bħala *prestanome* għall-vittmi, skont hu, fid-dawl tan-nuqqas ta' għarfien tal-istess vittmi tal-lingwa Ingliża.

Jirriżulta in oltre illi fiż-żmien tal-arrest, dan il-fond kien jintuża kważi esklussivament għal skopijiet ta' prostituzzjoni, tant illi fih instabu u ġew elevati biss oġġetti relatati mal-eżerċizzju tal-prostituzzjoni, fosthom żjut, ħwejjeġ intimi u kontraċettivi. Dan l-istat ta' fatt ġie ulterjorment konfermat bix-xhieda ta' persuni li kienu ltaqgħu mal-vittmi AB u CD għal skopijiet ta' prostituzzjoni fl-istess appartament. Konferma oħra ta' dan tinsilet mill-kontenut tal-apparat elettroniku elevat mill-Prosekuzzjoni, u partikolarment mid-diversi messaġġi skambjati bejn l-imputata Robert Attilane Majlat u l-klijenti li kienu ffrekwentaw lill-vittmi għall-għoti u r-riċeviment ta' servizzi sesswali.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, jirriżulta għalhekk illi l-imputati kienu qegħdin iżommu dar, ossia appartament, li kien qiegħed jiġi frekwentat u wżat għal skopijiet ta' prostituzzjoni, u għalhekk tqis illi l-imputati huma ħatja wkoll ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Il-Ħames Imputazzjoni – Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Illi permezz tal-ħames imputazzjoni, l-imputati qegħdin jiġu akkużati talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali. Dan huwa r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

"*Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur.*"

Illi għall-istess raġunijiet appena meqjusa b'rabta mar-raba' imputazzjoni, il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata, u dan peress illi ma jirriżultax illi l-imputati *"ħallew jew ippermettew"* li l-appartament jew xi parti minnu jintuża bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali. Għall-kuntrarju, kienu l-imputati stess li kienu jiġġestixxu l-fond għal skopijiet ta' prostituzzjoni, liema atti jikkostitwixxu r-reat maħsub fl-Artikolu 8 u mhux fl-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm l-Avukat Ġenerali jiċċita wkoll l-Artikolu 10 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, dan mhuwiex fost ir-reati li bihom ġew mixlija l-imputati permezz taċ-ċitazzjoni odjerna. Fi kwalunkwe każ, dan ir-reat ma jirriżultax.

In oltre għalkemm l-Avukat Ġenerali indika wkoll, fin-nota tiegħu, li tista' tinstab ħtija taħt l-Arikolu 18 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, dan l-artikolu ma jeżistix.

**<u>Is-Sitt Imputazzjoni – Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali</u>**

Illi permezz tas-sitt imputazzjoni, l-imputati huma akkużati wkoll talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tagħhom, ikkaġunaw lil AB u CD il-biża' li ser tintuża l-vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien

jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni tirreferi għar-reat li għalih jaħseb l-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li, fis-sub-artikolu (1), kien jgħid hekk fiż-żmien tal-każ odjern:

> *"Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien."*

L-Artikolu 251B tal-Kap. 9, bħall-Artikolu 251A, ġie introdott fil-liġi tagħna fis-sena 2005. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' April 2009, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>**:

> "*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. ..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju*

*enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f'xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor*."

Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B, bħal dak fl-Artikolu 251A, ukoll jeħtieġ *course of conduct* da parti tal-persuna li l-imġieba tagħha kkawżat il-biża'. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** tas-27 ta' Frar 2009, fil-kuntest tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251A:

*"... dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:-*

*"... f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien."*

U fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fuq imsemmija, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Raymond Parnis</u>**, ingħad hekk fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9, b'referenza għall-element ta' *course of conduct*:

> *"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis- subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear <u>on each of those occasions</u> ..." ... Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions" thallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008 (OUP, 2007):*

"*How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct … It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…*" *(Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653).*"

Kif ingħad iżjed' il fuq, jirriżulta illi AB ġiet imsawwta mill-imputat odjern ġewwa l-Ingilterra, b'kawża ta' liema vjolenza hija baqgħet tibża' u lanqas kienet tikkontempla illi teħles jew tipprova teħles mill-kontroll tal-imputati. Huwa evidenti illi l-vjolenza imwettqa mill-imputat fuq AB hija mġieba li tnissel f'persuna oħra, f'dan il-każ f'AB stess, il-biża' li ser tintuża l-vjolenza kontra tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 251B, imġieba din li jirriżulta illi twettqet iżjed minn darba mill-istess imputat. Biss, kif ukoll ingħad iżjed 'il fuq, ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi, illi din l-istess imġieba konsistenti fl-użu ta' vjolenza twettqet mill-imputat ġewwa Malta. Għalkemm bis-saħħa tal-Artikolu 251I tal-Kodiċi Kriminali, il-qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni fuq dan ir-reat anke jekk parti biss mill-azzjoni li twassal għall-eżekuzzjoni tad-delitt twettqet f'Malta, fil-fehma tal-Qorti, dak li f'dan il-każ qed jiġi punit mil-liġi ossia l-imġieba li tikkawża l-biża' li tintuża l-vjolenza, twettqet kollha mill-imputat barra minn Malta. Dan minkejja illi AB, b'kawża ta' dik l-imġieba tal-imputat, baqgħet tħoss dik il-biża' f'Malta wkoll.

Altrimenti l-Qorti ma tqisx illi mill-atti proċesswali tirriżulta xi prova ta' mġieba oħra da parti tal-imputat jew ta' imġieba da parti tal-imputata fil-konfront ta' AB, li fil-fehma tagħha tista' twassal għar-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu.

Il-Qorti qegħda hawnhekk tqis ukoll illi anke fil-konfront ta' CD, ma tressqitx prova, fil-grad rikjest mil-liġi, dwar xi mġieba tal-imputati jew min minnhom li kien jammonta għal *course of conduct* li seta' nissel biża' f'CD li kienet ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha. Mistoqsija sabiex tfisser l-imġieba tal-imputati fil-konfront tagħha, CD xehdet illi l-imġieba tagħhom kienet tiddependi mill-burdata li kienu jkunu fiha. Tgħid għalhekk li ġieli kienet trattata tajjeb u ġieli le u ġieli l-imputati kienu jgħajjtu magħha, iżda ma żżidx tgħid li din l-imġieba tal-aħħar nisslet xi għamla ta' biża' fiha li kienet ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha. Għalkemm tgħid ukoll illi l-imputat kien taha daqqa ta' ponn f'imneħirha, ma jirriżultax illi dan kien iżjed minn inċident iżolat u għalkemm iżżid tgħid illi l-imputata sawwtitha iżjed minn darba, hija ma tispeċifikax f'hiex kienu jikkonsistu dawn l-inċidenti u fejn seħħew, b'tali mod illi l-Qorti ma tqisx li tista' tasal għall-konklużjoni li l-imġieba tal-imputata kienet tali li kienet tikkonsisti f'*course of conduct* li wasslet lil CD għal biża' li ser tintuża l-vjolenza fil-konfront tagħha.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata la fil-konfront tal-imputat u lanqas fil-konfront tal-imputata.

Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali, flimkien mal-Artikolu 251B tal-Kap. 9, iċċita wkoll l-Artikoli 222(1)(a) li m'huwiex applikabbli fil-każ odjern. Fi kwalunkwe każ, kif ingħad, m'hijiex tinstab ħtija fl-imputati għar-reat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Lanqas għalhekk ma huwa applikabbli l-Artikolu 202(h)(*v)* tal-Kap. 9, ukoll iċċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu,

għalkemm x'aktarx dan tal-aħħar ġie ċċitat in konnessjoni mas-seba' imputazzjoni.

**Is-Seba' Imputazzjoni – Stupru**

Illi permezz tas-seba' imputazzjoni, l-imputat Robert Attila Majlat waħdu qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, bi vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' AB. Din l-imputazzjoni tirreferi għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tosserva fir-rigward illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali ma saret l-ebda referenza għal dan l-artikolu tal-liġi. Dan in-nuqqas, kemm jekk huwa dovut għal *lapsus calami* tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll jekk huwa volut, għandu jiġu riżolt favur l-imputat, li għalhekk qed jiġi liberat minn din l-imputazzjoni.

**It-Tmien Imputazzjoni**

Illi permezz tat-tmien imputazzoni, l-imputati qed jiġu akkużati talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti tosserva fir-rigward mhux biss illi l-fedina penali tal-imputati esebita in atti hija għal kollox netta, iżda wkoll illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova, kif trid il-liġi, illi turi li l-imputati jew min minnhom ġew preċedentement misjuba

ħajta ta' xi reat, anke barra minn Malta, b'mod li huma jistgħu jitqiesu li huma reċidivi għall-finijiet u effetti tal-liġi.

Għaldaqstant, l-imputati mhumiex qegħdin jinstabu ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Mill-evalwzzjoni tal-provi u l-konklużjonijiet raġġunti minn din il-Qorti, jirriżulta illi l-imputati huma ħatja ta' reati li ġew kostantement meqjusa bħala reati serjissimi u aborrenti; reat minnhom, wara kollox, li għandu bħala l-oġġett tiegħu l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli bil-għan tal-qliegħ, minn persuni nieqsa minn kull sens ta' skruplu u moralita`.
B'mod ġenerali dwar il-piena ġie ikkunsidrat kif isewgi mill-Qrati tagħna:

> *"Il-Qorti tqies preliminarjament illi huwa prinċipju orami ben rassodat fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi l-piena li Qorti tkun ser teroga fil-konfront tal-ħati ma għandhiex isservi bħala forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta` fil-konfront tal-ħati. Għal kuntrarju, l-għan prinċipali tal-piena għandu jkun dak li jiġi ripristinat it-tessut soċjali li l-għemil kriminuż ikun ċarrat, li tiġi protettata s-soċjeta' u li sservi għar-riforma tal-ħati nniffsu. Ġie għalhekk ribadit illi dawk li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta` għandhom, għall-aħjar protezzjoni tas-soċjeta`, jiġu nkarċerati u barra miċ-ċirkolazzjoni. Ġie hekk ukoll ribadit illi fil-każ ta' reati ta' ċertu gravita`, s-sentenza għandha tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent mhux biss għall-ħati, iżda għas-soċjeta` b'mod ġenerali. Hija f'dan is-sens funzjoni, u kwindi r-*

*responsabilita`, tal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali li jerogaw piena li tilħaq bilanċ ġust bejn dawn id-diversi kriterji."*[57]

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dorianne Galea** tal-25 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet hekk f'dan ir-rigward:

> *"9. ... Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:*
>
> *(a)Retributtiv;*
>
> *(b)Preventiv; u*
>
> *(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*
>
> *10.L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita` soċjali.*
>
> *11.L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha* ***qabe****l ma twettaq l-att kriminuż.*

[57] Ara fost sentenzi oħrajn, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andy Calleja**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Ġunju 2005.

12.L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

13.Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-

*raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."*

Din il-Qorti kkunsidrat ulterjorment illi l-Qrati dejjem esprimew fehma kostanti dwar il-gravita` tar-reati in diżamina u l-piena li, f'ċirkostanzi bħal dawk tal-lum, għandha titqies idonea u li għalhekk għandha tiġi erogata lil min jinstab ħati ta' tali reati. Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Grima**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat:

"*Illi r-reati konnessi mall-prostituzzjoni ta' nisa barranin provenjenti mill-lvant tal-Ewropa qeghdin kull ma jmur isiru aktar komuni w prevalenti w dan qed johloq turbament fl-ordni w l-istil ta' hajja fil-pajjiz u l-Qrati necessarjament iridu japplikaw il-ligi minghajr indulgenza zejda w b'mod li jkunu ta' tarka kemm ghas-socjeta' kif ukoll ghan-nisa w tfajliet li, nolens volens, jinqabdu f' din ix-xibka ta' prostituzzjoni."*

Hekk ukoll kienet il-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Carmelo Gravina** tad-19 ta' Settembru 2006. L-istess Qorti irriteniet hekk:

*"Bhalma qalet l-ewwel Qorti mbaghad, ir-reati odjerni huma reati "serjissimi u aborrenti u ghalhekk is-socjeta` ghandha jkollha l-protezzjoni tal-Qorti" u li "dawn ir-reati qed jikkagunaw firda fil-familja Maltija u ghalhekk tesigi li min jinsab hati ta' ghemil simili ghandu jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena".*

Ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Jannar 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Sciberras** illi r-reati ta' traffikar ta' persuni:

> *"huma reati serji fejn persuni bla skruplu u bla hjiel ta' moralita` jiehdu vantagg mill-kundizzjoni hafna drabi mizera tan-nisa koncernati li jigu sfruttati ghal skop ta' qliegh, u ghalhekk jimmeritaw piena karcerarja effettiva".*[58]

Il-Qrati kkunsidraw piena karċerarja effettiva bħala idonea anke f'dawk il-każijiet fejn il-fedina penali tal-ħati kienet waħda netta. Hekk ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Daswani Harish**:

> *"Whilst the Court notes that the accused has a clean conduct sheet the court cannot disregard the fact that the offences he was found guilty of are serious crimes aimed at taking advantage of a foreign national placed in a vulnerable position for the purposes of exploiting her."*

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kif ukoll illi f'dan il-każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

Fil-konfront tal-imputat **Robert Attila Majlat**, qed issib lill-istess imputat mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni in kwantu huwa akkużat bir-reat fl-Artikolu 248A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-ħames (5) imputazzjoni, tas-sitt (6) imputazzjoni, tas-seba' (7) imputazzjoni u tat-tmien (8) imputazzjoni miġjuba

[58] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Noel Grech**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Ottubru 2004.

kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 205(a) u (b), 248B u 248E tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qed issib lill-istess imputat **Robert Attila Majlat** ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni in kwantu biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tat-tieni (2) imputazzjoni limitament fil-konfront ta' CD u mhux ta' AB, tat-tielet (3) imputazzjoni u tar-raba' (4) imputazzjoni, kif dedotti kontra tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' **disa' snin priġunerija effettiva**, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza.

Fil-konfront tal-imputata **Robert Attilane Majlat**, qed issib lill-istess imputata mhux ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni in kwantu hija akkużata bir-reat fl-Artikolu 248A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-ħames (5) imputazzjoni, tas-sitt (6) imputazzjoni u tat-tmien (8) imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u qed tilliberaha minnhom, fil-waqt illi wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 205(a) u (b), 248B u 248E tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qed issib lill-istess imputata **Robert Attilane Majlat** ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni in kwantu biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tat-tieni (2) imputazzjoni limitament fil-konfront ta' CD u mhux ta' AB, tat-tielet (3) imputazzjoni u tar-raba' (4) imputazzjoni, kif dedotti kontra tagħha, u tikkundannaha għal piena ta' **disa' snin priġunerija effettiva**, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li hija nżammet taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed tinstab ħatja permezz ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikoli 23 u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-apparat elettroniku esebit fl-atti ta' din il-kawża bħala Dok. RS 1 sa Dok. RS 15.

Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-ħatja Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat iħallsu flimkien *in solidum,* l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ossia s-somma ta' elf, tliet mija, sebgħa u disgħin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,397.42), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

In oltre sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' AB u CD u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur l-istess AB u CD fil-konfront tal-ħatja Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat, permezz ta' liema l-ħatja qed jiġu pprojbiti milli, direttament jew indirettament anke tramite terzi, javviċinaw jew b'xi mod ieħor isegwu l-movimenti tal-istess AB u CD, kif ukoll milli jikkomunikaw magħhom bi kwalsiasi mezz. Tali Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien tliet snin, liema żmien jibda għaddej mid-data tal-iskadenza tal-piena lilhom erogata, ai termini tal-Artikolu 382A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna illi dan l-Ordni jiġi kkomunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huma jiksru dan l-Ordni.

Tordna wkoll illi kopja tad-dokumenti kollha li ġew preżentati mar-rikors tal-imputati tat-18 ta' Settembru 2019 tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwar jekk sarx tentattiv ta' korruzzjoni tax-xhud CD u jekk il-każ, jittieħdu passi skont il-liġi kontra l-persuni li jinstabu li kellhom involviment fir-reat.

Tordna wkoll id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-vittmi AB u CD u tal-minuri EF sabiex tiġi protetta l-identita` tagħhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat